# SPORTIV

#156
DIĊEMBRU 2020

B'XEJN MA' L-ORIZZONT

## ELUSIVE 2

REBBIEĦ TAR-ROLEX MIDDLESEA U TAL-YACHTING MALTA COASTAL RACE




DEEA BUZDUGAN


ĦALLAS B'MOD SIGUR
EVITA L-FLUS KONTANTI
UŻA L-BOV CONTACTLESS CARDS
BOV
VISA
Kellimna | 2131 2020 | bov.com
Maħruġ minn Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.
Il-Bank of Valletta p.l.c. hija kumpanija pubblika b'responsabbiltà limitata regolata mill-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji u liċenzjata biex toffri l-kummerċ bankarju f'termini tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371 tal-Liġijiet ta' Malta).
BOV
Bank of Valletta

# SPORTIV

#156 DIĊEMBRU 2020

Magazin Sportiv ta' kull xahar


## EDITORJAL



**Wara assenza ta' disa' xhur, fl-aħħar ta' din is-sena qiegħed jirritorna l-magazine favorit tagħkom li jagħti ħarsa lejn l-isport lokali u internazzjonali. F'din l-edizzjoni se nagħtu ħarsa qabel xejn lejn ir-riżultati pożittivi li kellu dan l-aħħar it-team nazzjonali Malti mmexxi mit-Taljan Devis Mangia, ir-rikonoxximent min naħa tal-Malta Football Association lejn is-servizz mogħti mill-player popolari Michael Mifsud. Naqraw ukoll dwar is-suċċessi impressjonanti tat-team nazzjonali tan-nisa**

F'artikli oħra jkollna informazzjoni dwar inizjattiva meħuda fl-aħħar xhur mill-Għaqda Ġurnalisti Sport, l-edizzjoni 2020 tal-Middle Sea Race u l-aħħar aħbarijiet mill-kamp tal-isport Għawdxi. Ma nonqsux ukoll milli nagħtu ħarsa lejn l-edizzjoni ta' din is-sena tal-kompetizzjoni prestiġjuża tat-Tazza l-Kbira li saret fil-korsa tal-Marsa ftit tal-ġimgħat ilu u li ntrebħet minn Vivaldi Du Vivrot u Anton Cassar. Ikollna wkoll artiklu dwar l-aħħar informazzjoni mill-kamp tal-pool. Naraw kif l-isport ġie affetwat mill-imxija tal-COVID19.

Mix-xena internazzjonali nanalizzaw il-UEFA Nations League u nsellmu wkoll lill-player leġġendarju u kontroversjali fl-istess ħin Diego Armando Maradona. Ma jonqsux ukoll ir-rubriki l-oħra ta' kull xahar. Dan kollu jagħmel il-magazine Sportiv l-għażla tagħkom. Ħajr dejjem imur lejn il-kollegi, kontributuri u fotografi ta' diversi entitajiet li jkomplu jagħmlu dan il-magazine aktar interessanti. Flimkien inkomplu naħdmu biex Sportiv...jibqa l-uniku u l-aqwa magazine ta' kull sportiv Malti u Għawdxi.


*Kenneth Vella*

kennethvella@hotmail.com
sportiv@unionprint.com.mt



**Dipartiment tal-Avviżi**
25900200 / 230 / 235
adverts@unionprint.com.mt

**Disinn**
Stacy Grech
design@unionprint.com.mt

**Ritratti**
Roger Azzopardi , Christine Borg, Dominic Borg, Tonio Magro, Walter Sargent, Paul Zammit Cutajar, Joe Borg, Ian Aquilina, Wally Galea, Mario Micallef, Catriel Farrugia, Kurt Arrigo, MGOZ - Terry Camilleri.



SPORTIV huwa ppubblikat u stampat minn Union Print Co. Ltd, Marsa.
Dan il-magazin jingħata b'xejn mal-ġurnal l-orizzont u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.


## VOLLEYBALL

INTRODOTT MILL-ĠDID WARA ĦAFNA SNIN

# IL-KAMPJONAT U-19

## minkejja l-problemi tal-pandemija



**Il-Kampjonati tal-Volleyball qed jintlagħbu b'mod regolari nkluż kampjonat ġdid għall-Kampjonat għal timijiet taħt id-19-il sena minkejja l-pandemija tal-Covid 19. Aħbar tajba li uffiċjal tal-MVA inħatar fuq Kummissjoni Ewropea tal-Volleyball.**

Kollox qed jintlagħab skont id-direttivi li qed jinħarġu mid-Dipartiment tas-Saħħa minn żmien għal żmien. Minbarra dawn il-Malta Volleyball Association għamlet protokols tas-saħħa speċifiċi għal-logħba u l-players li jilagħbuha. Permezz ta' hekk ikun aċċertat li jkunu protetti l-players u l-uffiċjali kollha

Xi logħbiet kellhom ikunu posposti u skont il-President tal-MVA, il-Prof Edward Gatt minħabba xi każi pożittivi kienu posposti xi logħbiet u fejn ikun hemm suspett ta' xi ħadd li jkollu xi kuntatt ma' xi ħadd pożittiv, l-MVA u l-klabbs b'responsabbilta' jieħdu l-passi kollha meħtieġa.

Imma minkejja dawn il-problemi tal-Covid 19 din is-sena hemm iktar timijiet taż-żgħażagħ mill-passat u dan meta jkun ikkunsidrat kollox hu inkoraġġanti l-MVA tirringrazzja lill-klabbs għal dan. Minħabba dan l-influss ta' timijiet U-19, l-MVA ntroduċiet kampjonat għalihom li ilu s-snin ma jintlagħab. L-MVA hija ukoll ferħana u sodisfatta li kien hemm żieda sinifikanti ta' timijiet li qed jilagħbu wkoll fil-Kampjonat U-15.

L-istaġun tal-MVA se jkun itwal mis-soltu u dan għaliex il-logħbiet huma mifruxa fuq perjodu itwal ta' żmien u dan biex ikun evitat li l-logħbiet ikunu f'xulxin u b'hekk ikun evitat li ħafna players jiltaqgħu ma' xulxin fl-istess waqt.

Intant aħbar tajba għall-MVA hi li wieħed mill-uffiċjali tagħha Branko Vlahovic inħatar membru

IT-TEAM NAZZJONALI MALTI 2020

# DEBUTT MILL-AQWA GĦALL-KOWĊ DEVIS MANGIA

## MICHAEL MIFSUD

JIRTIRA MIN-NAZZJONALI BI 42 GOAL F'143 LOGĦBA




Mil-logħba li t-tim nazzjonali tilef 3-2 kontra Faroe Islands f'Settembru li kienet l-ewwel logħba mill-ftuħ tat-tieni edizzjoni tal-UEFA Nations League u li mmarkat ukoll iid-debutt uffiċjali tal-kowċ nazzjonali l-ġdid it-Taljan Devis Mangia, it-tim bis-salib tat-tmien ponot fuq sidru waqqaf rekord ġdid u rari ta' seba' partiti mingħajr telfa. Ħamsa minnhom kienu mill-kompetizzjoni u tnejn ta' ħbiberija.

F'waħda mil-logħbiet ta' ħbiberija, Michael Mifsud lagħab għall-aħħar darba bil-flokk nazzjonali. Il-logħba kienet kontra Liechtenstein li Malta rebħet 3-0 bl-ewwel goal jiskurjah propju Michael Mifsud li kien it-42 wieħed tiegħu f'karriera brillanti ta' 143 logħba.

Matul dawn il-logħbiet, il-kowċ Mangia u l-MFA bdew proġett ġdid għat-tim nazzjonali fosthom dik li jibnu tim ġdid u f'dawn is-seba' logħbiet ħafna players żgħażagħ u ta' talent ingħataw iċ-ċans u kienu bil-bosta dawk li libsu l-flokk nazzjonali u ma ddiżappuntawx anzi ġibdu l-ammirazzjoni tad-dilettanti Maltin u kellhom kliem ta' tifħir minn kulħadd.

Żgur li f'dawn il-logħbiet dehret l-id ta' Mangia li wera x'inhu l-ħsieb tiegħu anki jekk fi żmenijiet diffiċli minħabba l-pandemija. Fil-logħbiet kollha b'eċċezzjoni ta' logħba waħda, it-tim skorja f'kull logħba u l-indikazzjoni hija li dan il-kowċ Taljan se jkun aktar avventuruż fl-attakk.

It-tim Malti tant kien pożittiv fil-wirjiet tiegħu li kien pass bogħod milli jwettaq suċċess storiku, dak li jkun promoss minn Grupp D għal Grupp C tal-UEFA Nations League li kieku rebaħ kontra Faroe Islands minflok id-draw li kiseb fejn saħansitra kien anki mar fil-vantaġġ bil-goal ta; Matthew Guillaumier. Minkejja dan it-tim xorta kiseb l-akbar total ta' punti – disgħa - f'kompetizzjoni tal-UEFA.

Ir-rebħa ta' 1-0 li Malta kisbet kontra l-Latvja f'Riga fit-13 ta' Ottubru b'goal skurjat lejn tmiem il-logħba minn Steve Borg, kienet l-ewwel waħda li qatt kisbet Malta f'żewġ edizzjonijiet tal-UEFA Nations League

Il-logħbiet kollha mill-ftuħ tal-era Mangia kienu dawn:

## UEFA NATIONS LEAGUE

**3-9-2020 v FAROE ISLANDS (A) 2-3**

**Skurjaw** – Andrei Agius, Jurgen Degabriele

MALTA Henry Bonello, Ryan Camenzuli, Steve Borg, Andrei Agius, Matthew Guillaumier (79' Teddy Teuma), Joseph Mbong, Kyrian Nwoko, Stephen Pisani (85' Rowen Muscat), Jurgen Degabriele (71' Paul Mbong), Luke Gambin, Zach Muscat.

**6-9-2020 v LATVJA (H) 1-1**

**Skorja** – Kyrian Nwoko

MALTA Henry Bonello, Ryan Camenzuli, Steve Borg (85' Andrei Agius), Matthew Guillaumier (89' Steve Pisani), Joseph Mbong, Kyrian Nwoko, Enrico Pepe, Teddy Teuma, Jurgen Degabriele (60' Jake Grech), Luke Gambin, Zach Muscat.

**10-10-2020 v ANDORRA (A) 0-0**

MALTA Henry Bonello, Ryan Camenzuli, Steve Borg, Andrei Agius, Joseph Mbong, Steve Pisani (79' Bjorn Kristensen), Teddy Teuma, Jurgen Degabriele (61' Luke Montebello), Paul Mbong (79' Jake Grech), Luke Gambin, Zach Muscat.

**13-10-2020 v LATVJA (A) 1-0**

**Skorja** – Steve Borg

MALTA Henry Bonello, Ryan Camenzuli, Steve Borg, Andrei Agius, Matthew Guillaumier, Joseph Mbong, Luke Montebello, Kurt Shaw, Teddy Teuma (75' Steve Pisani), Paul Mbong (69'Jurgen Degabriele), Luke Gambin (89' Jake Grech).

**14-11-2020 v ANDORRA (H) 3-1**

**Skurjaw** – Emil Garcia og. Jurgen Degabriele, Shawn Dimech

MALTA Henry Bonello, Ryan Camenzuli, Karl Micallef, Andrei Agius, Matthew Guillaumier (84' Steve Pisani), Joseph Mbong, Luke Montebello (76' Alex Satariano), Kurt Shaw, Teddy Teuma, Jurgen Degabriele (89' Jake Grech), Luke Gambin (89' Shawn Dimech).

**17-11-2020 v FAROE ISLANDS (H) 1-1**

**Skorja** – Matthew Guillaumier

MALTA Henry Bonello, Ryan Camenzuli, Steve Borg, Andrei Agius (84' Shaun Dimech), Matthew Guillaumier, Joseph Mbong, Luke Montebello (75' Kyrian Nwoko), Kurt Shaw, Teddy Teuma (89' Steve Pisani), Jurgen Degabriele (84' Alex Satariano), Luke Gambin.

### GRUPP D1

| | L | R | D | T | F | K | DG | Pti |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Faroe Islands | 6 | 3 | 3 | 0 | 9 | 5 | 4 | 12 |
| Malta | 6 | 2 | 3 | 1 | 8 | 6 | 2 | 9 |
| Latvja | 6 | 1 | 4 | 1 | 8 | 4 | 4 | 7 |
| Andorra | 6 | 0 | 2 | 4 | 1 | 11 | -10 | 2 |

## PARTITI TA' ĦBIBERIJA

**7-10-2020 v ĠIBILTA (H) 2-0**

**Skurjaw** – Kyrian Nwoko, Triston Caruana

MALTA Jake Galea, Ryan Camenzuli (60' Paul Mbong), Andrei Agius (46' Steve Borg), Matthew Guillaumier, Jake Grech, Kyrian Nwoko (40' Luke Montebello), Rowen Muscat, Joseph Muscatt (87' Cain Attard)), Samir Arab (46' Triston Caruana), Shaun Dimech (60' Myles Beerman), Kurt Shaw.

**11-11-2020 v LIECHTENSTEIN (H) 3-0**

**Skurjaw** – Michael Mifsud, Steve Borg, Jean Paul Farrugia (pen)

MALTA Jake Galea, Jean Borg (28' Karl Micallef), Neil Tabone, Steve Borg (77' Kurt Shaw), Jake Grech (77' Jan Busuttil), Michael Mifsud (60' Alex Satariano), Steve Pisani (60' Rowen Muscat), Juan Corbalan, Bjorn Kristensen, Shaun Dimech (77' Jean Paul Farrugia), Tristan Caruana.

## TAZZA TAD-DINJA 2022

Malta issa jmissha tilgħab fil-preliminari tat-Tazza tad-Dinja 2022 li se tintlagħab fil-Qatar li l-poloz tal-55 team Ewropew se jittellgħu fi Zurich fis-7 ta' Diċembru. Il-poloz se jittellgħu b'mod virtwali minħabba l-Covid 19. Il-preliminari tal-logħbiet mill-kontinenti tal-Asja, l-Afrika u l-Amerika t'Isfel diġa' bdew jintlagħbu.






# MICHAEL MIFSUD




## ITEMM IL-KARRIERA MAT-TEAM NAZZJONALI

**Id-data ta' nhar l-Erbgħa, 11 ta' Novembru, 2020, se tibqa' mniżżla b'ittri tad-deheb fl-istorja tal-football Malti hekk kif niżel is-siparju tal-karriera ta' Michael Mifsud mat-team nazzjonali li miegħu lagħab għal kważi 21 sena.**

Michael huwa l-216-il player li libes il-flokk nazzjonali Malti ... meta għamel id-debutt tiegħu nhar l-10 ta' Frar, 2000, fit-telfa ta' 1-0 kontra l-Albanija, liema partita kienet valida minn Tournament ta' Ħbiberija, fl-Istadium Nazzjonali.

Fl-etá ta' 18-il sena, 9 xhur u 24 ġurnata, huwa lagħab il-partita kollha taħt il-gwida tal-coach, Josif Ilic, bħala player ta' Sliema Wanderers ... biex kien l-14 l-iżgħar player li għamel id-debutt ma' Malta.

Il-formazzjoni fid-debutt ta' Michael kienet: Ernest Barry, Brian Said, Jeffery Chetcuti, Daniel Theuma (Stefan Giglio), Darren Debono, John Buttigieg, Carmel Busuttil, Noel Turner (Adrian Ciantar), Michael Mifsud, Gilbert Agius, Chucks Nwoko (Adrian Mifsud).

Wara dan id-debutt huwa qatt ma ħares lura biex lagħab 143 partita kontra xejn inqas minn 51 avversarji bl-Islanda jkunu l-aktar team li lagħab kontra tagħhom b'total ta' seba' logħbiet.

L-avversarji kienu: Afrika t'Isfel (1); Albanija (4); Andorra (1); Angola (1); Armenja (3); Awstrija (3); Azerbaijan (4); Belarus (2); Bosnja (3); Bulgarija (6); Cape Verde (1); Central Africa Republic (1); Ċipru (2); Danimarka (5); Estonja (4); Faroe Islands (6); Finlandja (3); Franza (2); Georgia (5); Ġermanja (2); Ġibiltà (1); Ġordan (2); Greċja (4); Ingilterra (2); Islanda (7); Irlanda ta' Fuq (2); Italja (4); Iżrael (4); Kanada (1); Kosovo (2); Kroazja (5); Latvja (1); Lichtenstein (3); Litwanja (4); Lussemburgu (3); Maċedonja (2); Moldova (4); Norveġja (4); Portugall (2); Repubblika Ċeka (4); Rumanija (1); San Marino (1); Skozja (1); Slovakkja (2); Slovenja (4); Spanja (1); Svezja (4); Svizzera (1); Turkija (2); Ukrajna (1); Ungerija (5)

Barra minn hekk huwa skorja 42 goals li huma mejda ta' 0.29 kull partita.



Il-goals tiegħu waslu waqt li kien qed jirrappreżenta tmien clubs (kif ukoll skorja erbgħa waqt li kien mingħajr club) kontra 24 avversarju ... b'Liechtenstein ikunu l-akbar vittmi meta skorja xejn inqas minn tmien goals kontra tagħhom.

Huwa skorja l-ewwel goal tiegħu nhar il-25 ta' April, 2001, fit-telfa ta' 4-1 kontra l-Islanda, fl-Istadium Nazzjonali, valida mir-round ta' kwalifikazzjoni tat-Tazza tad-Dinja ... fl-etá ta' 20 sena u 8 ijiem ... biex kien ukoll is-57 skorer ta' Malta.

Il-goals tiegħu waslu f'din l-ordni - Sliema W. (3); Kaiserslautern (7); Lillestroem (3); Coventry City (8); Qormi (1); Valletta (12); Melbourne Heart (2); Birkirkara (1) .... bla club (4) ... kontra 24 avversarju: Armenja (1); Awstrija (1); Azerbaijan (2); Bosnja (1); Bulgarija (2); Central Africa Republic (2); Ċipru (1); Faroe Islands (3); Finlandja (2); Georgia (3); Ġordan (1); Greċja (1); Islanda (1); Iżrael (1); Kanada (1); Kroatia (1); Liechtenstein (7); Lussemburgu (2); Maċedonja (1); Moldova (2); Norveġja (1); Repubblika Ċeka (1); San Marino (2); Slovenja (1).

Fil-karriera tiegħu, Mifsud lagħab ma': Sliema Wanderers, Kaiserslautern, Lillestroem, Coventry City, Barnsley, Valletta, Melbourne Heart, Birkirkara u Sirens.



## IT-42 GOAL TA' MICHAEL MIFSUD GĦAL MALTA

| Nr. | Data | GM | Etá | Avversarji | Skor | Min | Pti | Stadium | Coach | Club | Goalkeepers Avversarji u Clubs |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01. | 25.04.2001 | 139 | 20 sena u 8 ijiem | Islanda | 1-0 | 14 | TTD | National Stadium | Josif Ilic | Sliema W. | Arni Gautur Arason (Rosenborg) |
| 02. | 14.11.2001 | 144 | 20 sena, 6 xhur, 28 jum | Kanada | 2-1 | 75 | F | Hibernians Stadium | Sigfried Held | Kaiserslautern | Kenny Stamatopoulos (Kalamata) |
| 03. | 09.02.2002 | 145 | 20 sena, 9 xhur, 23 jum | Ġordan | 1-0 | 7 | FT | National Stadium | Sigfried Held | Kaiserslautern | Ahmed Al-Kazaleh (Ramtha FC) |
| 04. | 13.02.2002 | 150 | 20 sena, 9 xhur, 27 jum | Moldova | 3-0 | 86 | FT | National Stadium | Sigfried Held | Kaiserslautern | Alexei Jmurco (Chisinau) |
| 05. | 17.04.2002 | 152 | 21 sena | Azerbaijan | 1-0 | 58 | F | National Stadium | Sigfried Held | Kaiserslautern | Huseyn Mahammadov (Samkir) |
| 06. | 20.11.2002 | 153 | 21 sena, 7 xhur, 3 ijiem | Ċipru | 1-2 | 90 | KE | GSP Stadium | Sigfried Held | Kaiserslautern | Nikos Panayiotou (Famagusta) |
| 07. | 30.04.2003 | 156 | 22 sena u 13-il jum | Slovenja | 1-3 | 90 | KE | National Stadium | Sigfried Held | Kaiserslautern | Marko Simeunovic (Olym. Nicosia) |
| 08. | 10.09.2003 | 159 | 22 sena, 4 xhur, 24 jum | Iżrael | 1-1 | 50p | KE | Ataturk Stadium | Sigfried Held | Kaiserslautern | Shavit Elimelech (Hapoel TA) |
| 09. | 31.03.2004 | 166 | 22 sena, 11 xhur, 14 jum | Finlandja | 1-2 | 92 | F | National Stadium | Horst Heese | Sliema W. | Jussi Jaaskelainen (Bolton) |
| 10. | 18.08.2004 | 168 | 23 sena, 4 xhur, 1 jum | Faroe Is. | 2-2 | 66 | F | Torsvollur | Horst Heese | SK Lillestroem | Martin Knudsen (Runavik) |
| 11. | 13.10.2004 | 169 | 23 sena, 5 xhur, 26 jum | Bulgarija | 1-0 | 14 | TTD | Vasil Levksi St. | Horst Heese | SK Lillestroem | Dimitar Ivankov (Levski Sofia) |
| 12. | 02.09.2006 | 175 | 25 sena, 4 xhur, 16 jum | Bosnia | 2-5 | 86 | KE | National Stadium | Dusan Fitzel | SK Lillestroem | Kenan Hasagic (Gaziantepspor) |
| 13. | 17.10.2007 | 184 | 26 sena u 6 xhur | Moldova | 2-3 | 83p | KE | National Stadium | Dusan Fitzel | Coventry C. | Serghei Pascenco (Sheriff Tiraspol) |
| 14. | 21.11.2007 | 185 | 26 sena, 7 xhur, 4 ijiem | Norveġja | 1-3 | 53 | KE | National Stadium | Dusan Fitzel | Coventry C. | Hakon Opdal (Brann Bergen) |
| 15. | 26.03.2008 | 187 | 26 sena, 11 xhur, 9 ijiem | Liech'stein | 1-0 | 2p | F | National Stadium | Dusan Fitzel | Coventry C. | Peter Jehle (Boavista) |
| 16. | 26.03.2008 | 188 | 26 sena, 11 xhur, 9 ijiem | Liech'stein | 2-0 | 17 | F | National Stadium | Dusan Fitzel | Coventry C. | Peter Jehle (Boavista) |
| 17. | 26.03.2008 | 189 | 26 sena, 11 xhur, 9 ijiem | Liech'stein | 3-0 | 21p | F | National Stadium | Dusan Fitzel | Coventry C. | Peter Jehle (Boavista) |
| 18. | 26.03.2008 | 191 | 26 sena, 11 xhur, 9 ijiem | Liech'stein | 5-0 | 59 | F | National Stadium | Dusan Fitzel | Coventry C. | Peter Jehle (Boavista) |
| 19. | 26.03.2008 | 192 | 26 sena, 11 xhur, 9 ijiem | Liech'stein | 6-0 | 69 | F | National Stadium | Dusan Fitzel | Coventry C. | Peter Jehle (Boavista) |
| 20. | 30.05.2008 | 194 | 27 sena, 1 xahar, 13 jum | Awstrija | 1-2 | 41 | F | Ernest Happel St. | Dusan Fitzel | Coventry C. | Alexander Manninger (AC Siena) |
| 21. | 12.08.2009 | 196 | 28 sena, 3 xhur, 26 jum | Georgia | 1-0 | 64 | F | National Stadium | John Buttigieg | Bla Club | Giorgi Lomaia (Inter Baku) |
| 22. | 12.08.2009 | 197 | 28 sena, 3 xhur, 26 jum | Georgia | 2-0 | 73 | F | National Stadium | John Buttigieg | Bla Club | Giorgi Lomaia (Inter Baku) |
| 23. | 18.11.2009 | 199 | 28 sena, 7 xhur, 1 jum | Bulgarija | 1-1 | 48 | F | National Stadium | John Buttigieg | Bla Club | Dimitar Ivankov (Bursaspor) |
| 24. | 03.03.2010 | 200 | 28 sena, 10 xhur, 14 jum | Finlandja | 1-0 | 17 | F | National Stadium | John Buttigieg | Bla Club | Peter Enckelman (Cardiff C.) |
| 25. | 11.08.2010 | 201 | 29 sena, 3 xhur, 25 jum | Maċedonja | 1-1 | 47 | F | National Stadium | John Buttigieg | Valletta | Tomislav Pacowski (Beerschot) |
| 26. | 04.06.2011 | 203 | 30 sena, 1 xahar, 18 jum | Greċja | 1-2 | 54 | KE | Piraeus Stadium | John Buttigieg | Qormi | Dimitrios Konstantopoulos (Kerkyra) |
| 27. | 10.08.2011 | 204 | 30 sena, 3 xhur, 24 jum | Rep. Afrika | 1-0 | 11p | F | National Stadium | John Buttigieg | Valletta | Emmanuel Yezzoat (Mounana) |
| 28. | 10.08.2011 | 205 | 30 sena, 3 xhur, 24 jum | Rep. Afrika | 2-0 | 43 | F | National Stadium | John Buttigieg | Valletta | Emmanuel Yezzoat (Mounana) |
| 29. | 02.09.2011 | 206 | 30 sena, 4 xhur, 16 jum | Kroazja | 1-2 | 38 | KE | National Stadium | John Buttigieg | Valletta | Stipe Pletikosa (FC Rostov) |
| 30. | 06.09.2011 | 207 | 30 sena, 4 xhur, 20 jum | Georgia | 1-1 | 25 | KE | National Stadium | John Buttigieg | Valletta | Nukri Revishvili (Anzi M.) |
| 31. | 29.02.2012 | 208 | 30 sena, 10 xhur, 12 jum | Liech'stein | 1-1 | 54 | F | National Stadium | Robert Gatt | Valletta | Peter Jehle (FC Vaduz) |
| 32. | 29.02.2012 | 209 | 30 sena, 10 xhur, 12 jum | Liech'stein | 2-1 | 64 | F | National Stadium | Robert Gatt | Valletta | Peter Jehle (FC Vaduz) |
| 33. | 02.06.2012 | 210 | 31 sena, 1 xahar, 16 jum | Lus'burgu | 1-0 | 10 | F | Josy Barthel St. | Pietro Ghedin | Valletta | Jonathan Joubert (F91 Dudelange) |
| 34. | 02.06.2012 | 211 | 31 sena, 1 xahar, 16 jum | Lus'burgu | 2-0 | 80 | F | Josy Barthel St. | Pietro Ghedin | Valletta | Jonathan Joubert (F91 Dudelange) |
| 35. | 14.08.2012 | 212 | 31 sena, 3 xhur, 28 jum | San Marino | 1-1 | 13 | F | Olympic Stadium | Pietro Ghedin | Valletta | Aldo Simoncini (AC Libertas) |
| 36. | 14.08.2012 | 214 | 31 sena, 3 xhur, 28 jum | San Marino | 3-1 | 84 | F | Olympic Stadium | Pietro Ghedin | Valletta | Federico Valentini (Tre Penne) |
| 37. | 07.06.2013 | 217 | 32 sena, 1 xahar, 21 jum | Armenja | 1-0 | 8 | TTD | Republican Stadium | Pietro Ghedin | Valletta | Roman Berezovski (Dinamo M.) |
| 38. | 11.10.2013 | 220 | 32 sena, 5 xhur, 24 jum | Rep. Ċeka | 1-4 | 47 | TTD | National Stadium | Pietro Ghedin | Melbourne H. | Petr Cech (Chelsea) |
| 39. | 19.11.2013 | 222 | 32 sena, 7 xhur, 2 jumejn | Faroe Is. | 2-0 | 20 | F | National Stadium | Pietro Ghedin | Melbourne H. | Gunnar Nielsen (Motherwell) |
| 40. | 06.09.2015 | 227 | 34 sena, 4 xhur, 20 jum | Azerbaijan | 1-1 | 55 | KE | National Stadium | Pietro Ghedin | Sliema W. | Kamran Agayev (Karsiyaka SK) |
| 41. | 07.08.2018 | 236 | 37 sena, 4 xhur, 21 jum | Faroe Is. | 1-2 | 42 | UEL | Torsvollur | Ray Farrugia | Birkirkara | Gunnar Nielsen (Hafnarfjordur) |
| 42. | 11.11.2020 | 250 | 39 sena, 6 xhur, 25 jum | Liech'stein | 1-0 | 5 | F | National Stadium | Devis Mangia | Sirens | Thomas Hobi (FC Balzers) |

FOOTBALL NISA

# REBĦIET STORIĊI GĦAL MALTA





**It-tim nazzjonali Malti tan-nisa ma setax kellu tmiem aħjar għal fażi ta' kwalifikazzjoni minn Grupp B għal kampjonati Ewropej tan-nisa ta' l-2022 meta ħareġ rebbieħ miż-żewġ konfronti li kellu barra minn dahru kontra Ġorġja u Iżrael.**

Grazzi għal dawn iż-żewġ rebħiet, it-tim immexxi minn Mark Gatt tela' fir-raba' post tal-klassifika b'total ta' 10 punti - żewġ rekords illi jitfgħu dawl qawwi fuq it-titjieb li qed isir fi ħdan il-moviment kalċistiku tan-nisa f'Malta.

Protagonista fiż-żewġ logħbiet kienet l-attakkant ta' Sassuolo Haley Bugeja li skurjat xejn inqas minn erba' gowls f'dawn iż-żewġ logħbiet, filwaqt li għamlet ukoll l-assists għaż-żewġ gowls l-oħra.

Ġewwa Tel-Aviv fl-Iżrael, Malta fetħet l-iskor grazzi

FOOTBALL



għal kaptin ta' Mġarr United Brenda Borg li sabet ix-xibka għat-tieni darba f'dan il-grupp. It-tieni gowl wasal minn azzjoni tajba bejn Borg u Bugeja biex Malta għelbet lill-Iżrael 2-0.

Sadanittant, ġewwa Tbilisi fil-Ġorġja, Malta rebħet 4-0 grazzi għal hat-trick ta' Bugeja li biha saret l-ewwel Maltija li skurjat tlieta f'logħba filwaqt li saret l-ewwel plejer tat-tim nazzjonali Malti, irġiel u nisa, li kisbet hat-trick f'logħba kompetittiva.

Il-gowl l-ieħor ta' Malta ġie skurjat minn Shona Zammit, l-ewwel gowl tagħha f'kompetizzjoni uffiċjali hekk kif kienet qed tagħmel il-50 apparenza tagħha ma' Malta.

Dawn ir-riżultati sarrfu wkoll f'żewġ clean sheets għal gowlkiper ta' Birkirkara Janice Xuereb hekk kif it-tim Malti kompla juri titjieb sostanzjali fuq wara.

Fost rekords oħra li saru f'din il-partita, kien hemm l-40 preżenza ta' Martina Borg.

# BIRKIRKARA

## JOĦORĠU BL-UNURI



**Ċ-ċampjins Maltin ta' Birkirkara sfaw eliminati mill-ewwel rawnd tal-UEFA Women's Champions League minkejja wirja qalbiena kontra l-iġganti Rumeni ta' Olimpija Cluj.**

Cluj rebħu bl-skor ta' 2-1 iżda kellhom jistennew sat-tieni taqsima biex jaqilbu l-iskor wara li l-istripes kienu fetħu l-skor fl-ewwel taqsima.

Infatti, l-plejer internazzjonali ta' Malta Alishia Sultana kienet fetħet l-iskor għal Birkirkara b'gowl fl-ewwel taqsima.

Kienet partita inkoraġġanti għal Birkirkara għal fatt li lgħabu kontra tim li sa sentejn qabel kien ġera bihom bl-skor ta' 6-1 u dan juri l-fatt li l-futbol tan-nisa f'pajjiżna qiegħed ikompli jikber u jiżviluppa.





Kampjonat BOV Premier

# JILLIDJAW GŻIRA UTD U HIBERNIANS

## JIDDIŻAPPUNTAW VALLETTA U BIRKIRKARA FC



**Il-Kampjonat Premier BOV għall-istaġun 2020-21 hu wieħed straordinarju u mingħajr preċedent għaliex minħabba l-pandemja Covid 19 qed nassistu għall-akbar kampjonat Premier fl-istorja tal-MFA b'16-il tim bil-logħbiet kollha qed jintl;agħbu mingħajr spettaturi.**

Dan seħħ għaliex wara li l-MFA kellha twaqqaf il-kampjonat tal-istaġun l-ieħor u tiddikjara lil Floriana FC Champions u ma jkun relegat ħadd anki jekk Tarxien Rainbows kienu diġà relegati meta twaqqf il-kampjonat.

Il-players barranin għadhom jiddominaw il-Kampjonat Premier u kważi kull tim qed juża l-massimu ta' seba' players barranin li klabb tal-Premier jista' jilgħab. Il-pandemija kellha l-effett tagħha u timijiet li ntlaqtu u kellhom il-players tagħhom fi kwarantina wara li nstabu xi każi pożittivi fost il-players kien hemm Sirens u Birkirkara li t-tnejn sa issa kellhom prestazzjonijiet diżappuntanti tant li t-tnejn jinsabu mal-aħħar ħamsa tal-klassifika. Sirens tal-kowċ Steve Damato kienu s-sorpriża tal-istaġun 2019-20 għaliex spiċċaw fir-raba' post u ddebuttaw fil-UEFA Europa League.

Wara tmien logħbiet il-leaders huma Gżira Utd u Hibernians bi 17-il punt. Darren Abdilla qed jerġa' jmexxi t-tim tal-Gżira Utd. Hibernians immexxi mill-kowċ Taljan Stefano Sanderra qed ikomplu jsibu spazju għall-players li jtellgħu huma u jispikkaw fost dawn Jurgen Degabriele u Emmanuel Mbong li t-tnejn huma parti mill-ewwel ħdax tat-tim nazzjonali.

Ic-Champions Floriana wara li tilfu l-President Gaucci qed ikollhom staġun imħallat forsi mhux għall-altezza tal-istaġun l-ieħor u qed jokkupaw is-sitt post li qed jaqsmu mar-rivali tagħhom Valletta bi 13-il punt, imma Floriana minn seba' logħbiet. Floriana baqgħu taħt it-tmexxija tal-kowċ Taljan Vincenzo Potenza li fl-Ewropa kellhom prestazzjonijiet tajbin u nqalgħu fit-tielet rawnd tal-UEFA Europa League wara li kienu eliminati mill-ewwel miċ-Chamġions League.

Valletta qed jiddiżappuntaw bil-kbir u mil-logħbiet kontra tliet timijiet li sa żewġ staġuni ilu kienu jilagħbu fl-=Ewwel Diviżjopni ħadui biss tliet punti minn logħbiet kontra Sta. Luċia 1-1. Gudja Utd 0-0 u Sirens 1=1. Tħabtu wkoll biex rebħu lil Senglea 2-1 biex kontra t-timijiet meqjusa kbar tilfu 3-1 v Gżira Utd, rebħu 4-2 lil Birkirkara u ġew 1-1 kontra Hibernians.

Valletta hu wieħed minn disa' timijiet li bdew b'kowċ Malti, Jesmond Zerafa bit-timijiet l-oħra li huma mmexxi minn Malti

huima Sirens (Steve Damato), Gudja Utd (Jesmond Zammit), Ħamrun Spartans (Mark Buttigieg), Senglea Ath ( Clive Mizzi), Gżira Utd (Darren Abdilla), Tarxien Rainbows (Winston Muscat), Sta. Luċia FC (Oliver SpiterI) U Lija Ath (Jospeh Galea).

Tliet timijiet għandhom kowċ Taljan Floriana (Vinceno Potenza), Sliema Wds (Andrea Pisanu) u Hibernians (Stefano Sanderra). Olandiż, Ingliż u Bulgaru huma l-kowċis ta' Birkirkara, Mosta u żejtun rispettivament.

L-Olandiż Andre Paus li jmexxi lil Bikirkara FC kellu bidu ta' staġun ferm diffiċli u jinsabu jaqsmu t-tieni post mill-aħħar flimkien ma' Lija Ath b'4 punti kull wieħed. Fost riżultati ħżiena li kellhom Birkirkara sa issa kienet it-telfa ta' 3-2 kontra t-tim promoss ta' Żejtun Corinthians.

Birkirkara tilfu aktar punti minn draw 0-0 kontra Lija Ath u telfa ta' 3-0 kontra Mosta. Tilfu wkoll 2-1 kontra Sliema u 4-2 fil-logħba tal-ftuħ kontra Valletta FC biex l-unika rebħa s'issa kisbuha kontra Ħamrun Spartans 2-0.

Anki Balzan immexxija minn Mark Miller ukoll qed isibuha diffiċli jkampaw mat-timijiet ta' fuq u s'issa minn massimu ta' 24 punt għandhom biss 10 punti u jinsabu fl-10 pożizzjoni fil-klassifika.

Mosta FC wieħed mill-eks timijiet li mexxa Mark Miller qed ikollu staġun sodisfaċenti u bir-rebħa ta' 3-1 miksuba kontra Senglea fl-aħħar ħarġa tagħhom, huma issa għandhom 11 daqs Sta. Luċia imma minn seba' logħbiet.

Żejtun Corinthioans immexxija minn Orosco Anonam fl-ewwel staġun tagħhom fl-ogħla diviżjoni qed ikollhom kampjonat sodisfaċenti u s'issa minn tmien logħbiet tilfu tlieta 1-0 kontra Gudja, 2-1 kontra Gżira Utd u 3-2 kontra Hibernians. Minbarra lil Birkirkara rebħu wkoll 4-0 lil Sirens bit-tliet punti l-oħra jirbħuhom mionn tliet draw kontra Sta. Luċia 2-2 fid-debutt tagħhom fil-Premier, 1-1 kontra Senglea u 0-0 kontra Balzan FC.

Żewġ timijiet li qed ikollhom staġun tajjeb huma Gudja Utd immexxija minn Jesmond Zammit Huma qed jokkupaw post għoli fil-klasifika b'14-il punt. It-tim l-ieħor li sejjer tajjeb hu Ħamrun Spartans li wara l-wirjiet inizjali qed jitqiesu sfidanti serji għar-rebħ tal-kampjonat. Huma ssaħħu bl-akkwist tal-internazzjonali Malti Matthew Guillaiumer eks player ta' St, Andrew's akkwistat mingħand Birkirkara FC. Anki Sta. Luċia mmexxija minn kowċ Malti ieħor Oliver Spiteri. sejrin tajjeb u xhieda ta' dan hu d-draw ta' 1-1 miksub kontra Valletta FC.

Il-klassifika sa tmiem it-tmien ġurnata sal-24 ta' Novembru hija din:

| | |
|---|---|
| Gżira Utd | 17-il punt |
| Hibernians | 17-il punt |
| Sliema Wanderers FC | 16-il punt |
| Ħamrun Spartans | 15-il punt |
| Gudja Utd | 14-il punt |
| Floriana | 13-il punt |
| Valletta | 13-il punt |
| Mosta | 11-il punt |
| Sta Luċia | 11-il punt |
| Balzan FC | 10 punti |
| Żejtun Corinthians | 9 punti |
| Sirens FC | 8 punti |
| Tarxien Rainbows | 5 punti |
| Birkirkara FC | 4 punti |
| Lija Athletic | 4 punti |
| Senglea Athletics | 1 punt. |

Fi tmiem il-kampjonat iridu jkunu relegati erba' timijiet mill-Premier Division.



# UEFA NATIONS LEAGUE 2020/2021



## IR-REBBIEĦ TAT-TIENI EDIZZJONI JKUN DEĊIŻ FL-ITALJA

**In-nazzjon rebbieħ tat-tieni edizzjoni tal-UEFA Nations League se jkun deċiż fl-Italja bejn it-2 u s-6 ta' Ġunju tal-2021 bl-erba' timijiet li għaddew għal rawnd finali ta' din it-tieni l-akbar kompetizzjonijiet in-nazzjonijiet Ewropej organizzata mill-UEFA se jkunu l-Italja, Franza, Spanja u l-Belġju.**

Dawn l-erba' timijiet finalisti kienu magħrufa wara li rebħu l-gruppi minn Grupp A. Il-UEFA kienet iddeċidiet li torganizza l-finali ta'din it-tieni edizzjoni mill-grupp li kien jinkludi lill-Italja sa mit-tlugħ tal-poloz biex ikunu magħrufa l-gruppi. Biex ikun magħruf ir-rebbieħ jintlagħbu biss tliet logħbiet, żewġ semi-finali u l-final

Il-UEFA bdiet torganizza din il-kompetizzjoni b'format tal-kampjonat fl-2018-19 bir-rebbieħ tal-ewwel edizzjoni kien il-Portugall li organizza wkolll l-ewwel finali. Flimkien mal-Portugall kienu finalisti dakinhar l-Olanda, l-Iżvizzera u l-Ingilterra li ironikament ħadd minnhom mhu se jkun fil-finali tat-tieni edizzjoni.

Dan għaliex il-Portugall spiċċa wara Franza rebbieħa tal-grupp li kien fih wkoll lill-Kroazja u lill-Iżvezja, l-Olanda spiċċat it-tieni fi grupp li ntrebaħ mill-Italja li kien jinkludi wkoll lill-Polonja u l-Bosznja Herzegovina: l-Iżvizerra inqalgħet mill-grupp li r-rebbieħ tiegħu kien Spanja u kien jinkludi wkoll lill-Ġermanja u l-Ukrajna u finalment l-Ingilterra spiċċat fit-tielet post fil-grupp li ntrebaħ mill-Belġju li kien jinkludi wkoll lid-Danimarka li spiċċat fit-tieni post u l-Islanda.

Kienu promossi biex jilagħbu fi Grupp A f'edizzjoni oħra l-Awstrja, ir-Rep Ċeka, l-Ungerija u Wales u ġew relegati għall-Grupp B il-Bosnja Herzegovina, l-Islanda, l-Iżvezja u l-Iżvizzera

55 nazzjon imqassma f'diversi gruppi skont is-saħħa tagħhom lagħbu l-logħbiet tagħhom tal-gruppi bejn Settembru u Novembru tal-2020. Il-UEFA bdiet torganizza din il-kompetizzjoni minflok il-ħafna logħbiet ta' ħbiberija li jintlagħbu f'dan il-perjodu tas-sena.

F'din il-kompetizzjoni ħadet sehem ukoll Malta li spiċċat it-tieni fi Grupp I ta'; Grupp D li ntrebaħ mill-Faroe Islands. Malta spiċċat fit-tieni post u kienet tiġi promossa li rebħet l-aħħar logħba kontra l-istess Faroe Islands li ntemmet 1-1.

Ħarsa lejn il-gruppi. Min rebaħ ġie promoss jew relegat.

| GRUPP A |
|---|
| Grupp 1 – Italja (rebbieħa), Bosnja Herzegovina (relegati) |
| Grupp 2 -_ Belġju (reb), Islanda (rel) |
| Grupp 3 – Franza (reb), Żvezja (rel) |
| Grupp 4 – Spanja (reb), Żvizzera (rel) |

| GRUPP B |
|---|
| Grupp 1 – Awstrja (promossi), Irlanda ta' Fuq (relegati) |
| Grupp 2- Rep. Ċeka (pro), Slovakkja (rel) |
| Grupp 3 – Ungerija (pro), Turkija (rel) |
| Grupp 4 – Wales (pro), Bulgarija (rel) |

| GRUPP C |
|---|
| Grupp 1 – Montenegro (promossi(. Ċipru ( relegation play off) |
| Grupp 2 – Armenja (promossi), Estonja (rel p/o) |
| Grupp 3 – Slovakkja (promossi), Moldova (rel p/o) |
| Grupp 4- Albanija (promossi), Kazaksthan (rel p/o) |

Min se jkunu ż-żewġ timijiet relegati għall-Grupp D se jkunu deċiżi fi play-offs li se jintlagħbu f'Otturbu 2021.

| GRUPP D |
|---|
| **Grupp 1 – Faroe Islands (promossi)** |
| **Grupp2 – Ġibilta (promossi)** |

FOOTBALL

# IL-FINALI TAL-EURO 2020 JINTLAGĦBU FL-2021

Matul il-;ġmgħat li għaddew intlagħbu erba' play-offs biex ikun magħruf l-format sħiħ ta' 24 tim finalista għall-Euro 2020 li minħabba l-pandemija tal-Covid 19 il-finali kienu posposti għas-sena d-dieħla 2021 li suppost għandhom jintlagħbu f'diversi bliet Ewropej għalkemm minħabba l-pandemija il-UEFA qed tikkunsidra li tilgħab il-finali f'pajjiż wieħed u bdiet diskussjoni dwar din il-possibbilta mal-FA Ingliża.

Intant wara li mill-play-offs ikkwalifikaw għall-ewwel darba l-Maċedonja ta' Fuq li eliminaw lill-Georgia; l-Iskozja li ilhom aktar minn 20- sena ma jkunu l-finali wara li eliminaw lis-Serbja; l-Ungerija li eliminat lill-Islanda u wkoll is-Slovakkja li eliminat lill-Irlanda.

Is-sitt gruppi tal-finali issa huma dawn:

| Grupp A |
|---|
| Turkija |
| Italja |
| Wales |
| Żvizzera |

| Grupp B |
|---|
| Danimarka |
| Fillandja |
| Belġju |
| Russja |

| Grupp C |
|---|
| Olanda |
| Ukrajna |
| Awstrja |
| Maċedonja ta' Fuq |

| Grupp D |
|---|
| Ingilterra |
| Kroazja |
| Skozja |
| Rep. Ċeka |

| Grupp E |
|---|
| Spanja |
| Żvezja |
| Polonja |
| Slovakkja |

| Grupp F |
|---|
| Ungerija |
| Portugall |
| Franza |
| Ġermanja |

Il-finali se jibdew b'logħba fl-Olimpico ta' Ruma fil-11 ta' Ġunju 2021 bejn l-Italja u t-Turkija bis-semi finali u l-final jintlagħbu fl-Ingilterra f'Wembley Stadium f'Londra. Il-final se tintlagħab fil-11 ta' Lulju 2021.





## ROLEX MIDDLESEA RACE

# ELUSIVE 2

## JIKSEB SUĊĊESS DOPPJU




**Għat-tieni sena konsekuttiva Elusive 2 ħarġet ir-rebbieħa, f'din it-tellieqa ikonika li din is-sena rat ir-Royal Malta Yacht Club jospita l-41 edizzjoni. L-attivitajiet madwar ir-Rolex Middle Sea Race bdew l-Erbgħa 14 ta'Ottubru meta seħħet il-Yachting Malta Coastal Race. Din it-tellieqa hija kkunsidrata bħala l-prekursur tar-Rolex Middle Sea Race.**

Din is-sena, il-flotta tal-Yachting Malta Coastal Race kellhom kundizzjonijiet ta' tbaħħir mill-aqwa. Il-Principal Race Officer Peter Dimech għażel tellieqa ta' madwar 30-mil nawtiku li bdiet mill-Port ta' Marsamxett u li ħadet il-flotta madwar il-gżira ta 'Kemmuna qabel ma rritornaw fil-Port ta' Marsamxett.

„Tbaħħir mill-aqwa," ikkummenta Peter Dimech. "Riħ ta' bejn 12 u 15-il mil nawtiku mill-Lbiċ li żied għal 18-il mil nawtiku aktar tard fil-ġurnata. Kien hemm imbatt ta' madwar metru fuq il-Kosta tal-Punent ta' Kemmuna, iżda ibħra ċatti fuq il-kosta tal-lvant."

Il-flotta nqassmet f'ħewġ Klassijiet li bdew separatament. Fl-ewwel grupp ir-Russu JPK 10.80 ta' Timofey Zhbankov Rossko kiseb bidu tajjeb u kompla sabiex rebaħ il-klassi tiegħu u kiseb it-tieni post fil-klassifika ġenerali. Fit-tieni grupp, il-familja Podesta, li ttellaq bil-jott First 45 Elusive 2, bdiet it-tellieqa b'ritmu tajjeb barra mill-port. Elusive 2 kompliet bdan ir-ritmu sabiex rebħet it-tellieqa, wara l-korrezzjoni tal-ħin IRC. Rossko kiseb it-tieni post u il-JP54 The Kid ta' Jean-Pierre Dick kiseb it-tielet post. Prestazzjoni tajba tal-jott Malti, Ton Ton Laferla, ta' Jonathan Gambin li rebaħ il-klassi IRC 5.

Christoph Podesta, ko-kaptan ta' Elusive 2, ikkummenta wara t-tellieqa: „Is-sena li għaddiet urejna l-potenzjal tagħna, imma nafu li hija tellieqa iebsa biex tirbaħ u m'aħniex ser nimlew rasna. Nisperaw li jkollna pass iktar mgħaġġel mill-




2019 u nirbhu l-klassi tagħna. Ir-rebħa ġenerali tiddependi fuq affarijiet lil hinn mill-kontroll tagħna imma nistgħu nbaħħru għall-potenzjal tagħna u ngawdu t-tellieqa. „

Minn meta ġiet imnehdija fl-2015, Yachting Malta ilha tagħti l-appoġġ tagħha lejn ir-Rolex Middle Sea Race

"Ir-rwol ta' Yachting Malta hu li tagħti appoġġ sħiħ lejn avvenimenti tal-ibburdjar, partikolarment dawk fuq livell internazzjonali. Ma hemm l-ebda dubju tal-istima li r-Rolex Middle Sea Race tgawdi mal-komunità tal-ibburdjar madwar id-dinja. Minkejja d-diffikultajiet li l-pandemija Covid-19 ġabet magħha, dawk li setgħu jivvjaġġaw ġew Malta" stqarr is-Sur John Huber, ċerman ta' Yachting Malta.

ELUSIVE 2 BOAT
ROLEX/CARLO BORLENGHI

### ROLEX MIDDLE SEA RACE:
### Prestazzjoni t'Ispirazzjoni

Ir-Rolex Middle Sea Race dejjem titlob l-ogħla kapaċitajiet mill-baħħara ta' kull ġenerazzjoni, kemm professjonali kif ukoll dilettanti. Din is-sena, il-41 edizzjoni, uriet biċ-ċar l-isforz uman meħtieġ sabiex dan jirnexxi. L-organizzaturi, ir-Royal Malta Yacht Club (RMYC), ħadmu bla heda biex jiżguraw kompetizzjoni sigura fil-kuntest tal-pandemija globali. Il-parteċipanti esibew dedikazzjoni u passjoni sempliċement biex jkunu jistgħu jikkompetu. Fil-baħar ipprovdew kompetizzjoni eċċitanti li ntemmet bir-rebbieħ ġenerali tat-tellieqa tas-sena l-oħra – il-jott Malti Elusive 2, terġa tikseb suċċess.

Għal raġunijiet validi, in-numru ta' parteċipanti tal-2020 kienu ħafna inqas mill-iskrizzjonijiet tal-edizzjonijiet riċenti. Il-50 tim minn 14-il pajjiż, kienu ppreparati sew għat-tellieqa ta' 606 mil nawtiku, u wrew b'mod ammirevoli l-valuri tal-ibburdjar permezz ta' wirja tajba fl-isfida kumplessa li hi stabbilita mill-korsa, kif ukoll mit-temp prevalenti.

Fl-għoti tal-premjiet, l-ekwipaġġi kollha ġew onorati u r-rebbieħa ċċelebraw il-kisbiet tagħhom. Godwin Zammit, Commodore tal-RMYC, esprima s-sodisfazzjon tiegħu li t-tellieqa seħħet, u faħħar lill-parteċipanti, il-klabb u dawk kollha li jappoġġaw it-tellieqa - speċjalment l-isponsor Rolex u fost oħrajn lil Yachting Malta

"Din kienet sena mhux tas-soltu; tant li kien hemm ir-riskju li t-tellieqa tiġi kkanċellata. Madankollu, ir-Royal Malta Yacht Club kien determinat li jekk kien possibbli r-Rolex Middle Sea Race isseħħ anke jekk mingħajr l-avvenimenti tal-ospitalità tas-soltu," huwa temm jgħid.

L-Onorevoli Dr Ian Borg, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, attenda għaċ-ċerimonja u ta indirizz qasir, waqt li għaraf l-importanza tal-avveniment u r-reputazzjoni li għandha Malta. "Nixtieq nirringrazzja lill-RMYC u lill-voluntiera kollha tagħha u lil dawk li appoġġjaw dan l-avveniment talli organizzaw il-41 edizzjoni minkejja l-isfidi," huwa qal. "Permezz ta' Yachting Malta din is-sena ppublikajna r-riżultati ta 'studju ekononiku li juri l-importanza ta' dan l-avveniment għal pajjizna."

IBBURDJAR






CANONS IN VALLETTA
ROLEX / KURT ARRIGO

**Rebħa ġenerali: Ripetizzjoni rari**

Li wieħed jirbaħ din it-tip ta'tellieqa offshore, fuq medda ta' 606 mil nawtiku hija diġa riżultat prestiġjuż. Li wieħed jirbaħha għat-tieni darba konsekuttiva, hija kisba enormi. Ir-riżultat miksub mill-aħwa Podesta, kienet rebħa emozzjonali. L-aħwa Maya, Aaron u Christoph kienu ispirati biex jibdew ibaħħru permezz tal-entużjażmu u l-inkoraġġiment ta 'missierhom Arthur, li kien ħa sehem f'35 edizzjoni tar-Rolex Middle Sea Race.

Is-suċċess bħal dan huwa rari. Fir-Rolex Middle Sea Race, l-aħħar ekwipaġġ li kiseb suċċess bħal dan kien Nita IV ta 'Nello Mazzaferro mill-Italja fl-1980.

Is-suċċess tal-aħwa Podesta ser jerġa jiġi rikkonoxxut minn Yachting Malta għal darb'oħra meta l-ekwipaġġ tal-Elusive 2 ser jiġi ppreżentat b'mappa kommemorattiva li turi r--rotta li ħadu din is-sena.

It-42 edizzjoni tar-Rolex Middle Sea Race tibda nhar is-Sibt, 23 ta' Ottubru 2021.

*Maria Vella Galea*

# VIVALDI DU VIVROT

## INAQQAX ISMU FL-ISTORJA




WIEMEL

**Fil-korsa tal-Marsa, f'ċirkustanzi straordinarji fil-11 ta' Novembru li għadda saret il-finali tal-edizzjoni 2020 tal-kompetizzjoni prestiġjuża tat-Tazza l-Kbira għal żwiemel tal-aqwa klassi Premier fuq distanza twila ta' 2640m. Din il-finali, kienet organizzata bl-għajnuna ta' Bank Of Valletta. Kienet mirbuħa minn Vivaldi Du Vivrot u misjuq minn Anton Cassar. Għamlet parti mill-34 laqgħa tal-istaġun fuq għaxar tiġrijiet kollha għal żwiemel tat-trott.**

Ħdax-il żiemel ħadu sehem fil-finali Premier. Alf De Melandre (Rodney Gatt) kien l-aktar b'saħħtu wara l-karozza tat-tluq u matul l-ewwel metri fetaħ vantaġġ zgħir minn Paparazzi (Mark Bonnici) u R.G.'s Thunderbolt (Mario Fenech). Madankollu dawra mit-tmiem Antron Cassar poġġa lil Vivaldi Du Vivrot fuq in-naħħa ta' barra biex jagħmel l-avvanz tiegħu. Cassar mar quddiem biż-żiemel tiegħu fid-dritta finali u ħareġ rebbieħ faċilment b'vantaġġ ta' żewġ tulijiet minn Glenn Boko (Charles Camilleri) u Output Pressure (Clint Vassallo). Alf De Melandre (Rodney Gatt) kellu jikkuntenta bir-raba' pożizzjoni minn Vichenko Chef (Noel Baldacchino) .

Fi tmiem din il-finali, is-Segretarju Parlamentari responsbbli mill-Isport Clifton Grima u Charles Azzopardi f'isem BOV ippreżentaw it-trofej lil Anton Cassar u lil Keith Spiteri u Salvu Spagnol is-sewwieq u s-sidien rispettivament taż-żiemel rebbieħ.




"Sodisfatt li rnexxili nnaqqax ismi fuq l-aktar trofew importanti fil-kalendarju tat-trott Malti u mxejt fuq il-passi ta' missieri Frenċu"

**ANTON CASSAR**



L-Għaqda Ġurnalisti Sport u Atlas Insurance

# ATLETI ŻGĦAŻAGĦ IPPREMJATI






**Jannar**
Rachela Pace (Atletika)



**Frar**
Dejan Grech (Pool)



**Marzu**
Tenishia Thornton (Weightlifting)



**April**
Jake Vella (Għawm)



**Mejju**
Thomas Borg (Għawm Paralimpiku)



**Ġunju**
Matthew Magro (Ten Pin Bowling)



**Lulju**
Richard Schultheis (Ibburdjar)



**Awissu**
Sacha Gatt (Għawm)



**Settembru**
Kayden Lagana (Ten Pin Bowling)



**Ottubru**
Haley Bugeja (Football)

**F'Jannar li għadda l-Għaqda Ġurnalisti Sport b'kollaborazzjoni ma' Atlas Insurance nedew l-unur tal-Atlas Żagħżugħ/a tax-Xahar bl-intenzjoni li kull xahar jiġi ppremjat żagħżugħ jew żagħżugħa taħt il-21 sena li jkun iddistingwa ruħu kemm b'riżultati kif ukoll b'egħmil sportiv jew aġir altruwistiku.**

Għal dan il-għan twaqqaf bord ta' selezzjoni sabiex kull xahar jevalwa dak li jkun seħħ fil-qasam sportiv u jiġi magħżul żagħżugħ jew żagħżugħa biex jingħata t-trofew li Atlas Insurance ikkummisjunaw għal ta' l-apposta. Dan il-bord huwa kompost minn tliet individwi li permezz tal-programmi televiżivi tagħhom isegwu mill-qrib l-isportivi lokali – Joanna Camilleri, Mario Bonnici u Charles Camenzuli.

Ta' kull xahar apparti t-trofew, iż-żgħażagħ rebbieħa ta' dan l-unur irċevew voucher li jissarraf b'abbiljament sportiv mill-ħanut ta' l-għażla tagħhom. Għalkemm kienet sena diffiċli għall-isport minħabba l-pandemija tal-Covid 19 u kien hemm xi xhur fejn ma kienet qed issir l-ebda kompetizzjoni, pero' l-amministraturi ta' Atlas Insurance sostnew li l-unur għandu jingħata kull xahar u intgħażlu żagħżagħ li matul din is-sitwazzjoni diffiċli kienu ta' ispirazzjoni għal sħabhom u minkejja kollox iddiversifikaw l-attivita' sportiva tagħhom.

Bi pjaċir ukoll ninnutaw li r-rebbieħa kienu ġejjin minn oqsma u dixxiplini sportivi differenti.

*Lorraine Cunningham*



# IL-MALTA POOL ASSOCIATION

## TORGANIZZA L-EWWEL ERBA' RANKING TOURNAMENTS

**Għall-wieħed u tletin sena l-Malta Pool Association ħejjiet programm ta' attivitajiet għad-dilettanti kollha tal-pool ġewwa pajjiżna. Fost dawn l-avvenimenti l-assoċjazzjoni organizzat erba' ranking tournaments li servew biex players jikkwalifikaw fit-timijiet nazzjonali li suppost kellhom jipparteċipaw fil-kampjonati Ewropej fi Frar ġewwa l-Irlanda.**

Fl-ewwel tournament il-player Tony Drago kiseb rebħa ta' 8-4 kontra Lydan Debono filwaqt li Ray Caruana għeleb lil Alfred Attard 8-1 fil-finali tal-kategorija Over 50's. Miguel Amato kiseb l-unur tal-kategorija Under 23's meta fil-finali rebaħ lil Scott Muscat 8-7 filwaqt li Steve Muscat rebaħ il-kategorija Under 18's b' rebħa ta' 7-4 fuq Nicolò Agius Muscat.

Fit-tieni serje ta' tournaments Jed Abela kellu debutt feliċi meta fil-finali tal-kategorija tal-Irġiel għeleb lil Jesmond Schembri bl-iskor ta' 8-4. Fil-kategorija Over 50's ħareġ rebbieħ Christ Mills b'rebħa ta' 8-2 fuq Brian Grech filwaqt li Scott Muscat kiseb it-titlu tal-kategorija Under 23 b' rebħa ta' 8-4 kontra Dejan Grech. Fil-finali tal-kategorija Under 18's Nicolo' Agius Muscat għeleb lil Nordai Desira 7-4.

Fit-tielet serje ta' tournaments Ryan Pisani kiseb rebħa kbira ta' 8-1 fuq Jesmond Schembri filwaqt li Brian Grech għeleb lil Antoine Aquilina 8-6 fil-finali tal-kategorija Over 50's. B' rebħa ta' 8-3 f' finali kontra Alessio Magro, Dejan Grech kiseb it-titlu tal-kategorija Under 23's filwaqt li Nicolo' Agius Muscat irrepeta s-suċċess fil-kategorija Under 18's b' rebħa oħra ta' 7-2 fuq Nordai Desira.

Fir-raba' u l-aħħar tournament riservat għall-kwalifikazzjoni fil-kampjonati Ewropej il-player Gary Carr rebaħ il-kategorija tal-Irġiel b' rebħa ta' 8-1 fil-finali kontra Lydan Debono. Fil-kategorija Over 50's kellna r-rebħa ta' Joseph Psaila li fil-finali għeleb lil John Lombardo bl-iskor ta' 8-5. Alessio Magro kiseb rebħa ta' 8-4 fuq Liam Mifsud fil-finali tal-kategorija Under 23's filwaqt li Nicolo' Agius Muscat rebaħ it-tielet titlu tiegħu f' dan l-istaġun fil-kategorija Under 18's b' rebħa ta' 7-5 din id-darba fuq Nick Muscat.

Sfortunatament minħabba l-imxija tal-COVID19 il-kampjonati Ewropej kellhom jiġu kkanċellati. Madankollu l-assoċjazzjoni ser tagħti l-opportunita' lir-rebbieħa kollha biex jilgħabu f' kompetizzjoni separata li minnha jistgħu jikkwalifikaw fit-timijiet nazzjonali li ser jirrappreżentaw lil Malta fil-kampjonati mondjali li ser isiru ġewwa Hilton Metropole Hotel f'Birmingham f'Awissu tas-sena d-dieħla. L-assoċjazzjoni ser torganizza wkoll żewġ avvenimenti għall-kategoriji kollha bħala kwalifikazzjoni għall-istess kampjonati mondjali.

# IS-SUĊĊESSI TA' SARAH DEMICOLI




## EŻEMPJU TA' KIF ISSIB BILANĊ ADEGWAT FIL-ĦAJJA TIEGĦEK.

**Hemm kuntrast qawwi bejn kemm hi mistħija u l-mod kif taġixxi malli tinżel tgħum – hemmhekk tinbidel f'atleta b'saħħitha, ikkontrollata u determinata. Minkejja li għandha biss għoxrin sena, Sarah Demicoli naqqxet isimha fuq numru kbir ta'trofej.**

L-ewwel inkursjoni ta' Sarah fil-pixxina kienet fl-eta ta' ħames snin, meta l-ġenituri xtaqu li, kemm hi u kemm oħtha jkunu jafu jgħumu u jieħdu ħsieb tagħhom infushom jekk aċċidentalment jaqgħu fl-ilma. Matul is-snin, Sarah mhux biss tgħallmet kif tgħum iżda ħadet ukoll lezzjonijiet tal-ballet, il-kant u l-pjanu. Madankollu kien evidenti li l-għawm kien il-passjoni tagħha. Fil-fatt ma waqfitx minn meta, ta' ħames snin, ħadet l-ewwel lezzjoni tagħha fin-Neptunes WPSC - il-Klabb li tirrappreżenta sal-lum stess.

Barra mill-ħajja tal-għawm tagħha, Sarah bħalissa qegħda fit-tielet sena tal-kors tal-Liġi. Filwaqt li bosta studenti għandhom it-tendenza li jwaqqfu l-attivitajiet sportivi tagħhom wara li jitilqu mill-iskola sekondarja, Sarah kienet kapaċi żżomm reġim dixxiplinat u bbilanċjat ta' taħriġ u studju. Hija malajr tinnota li sabet appoġġ sostanzjali mill-Università, partikolarment fejn huma nvoluti impenji internazzjonali. Il-ġurnata tipika tagħha tibda fil-ħamsa ta' filgħodu u mas-sitta – xemx jew xita tkun qegħda fil-pixxina. Xi ġranet oħra hi jkollha sessjoni oħra wara nofsinhar.

### Appoġġ Familjari

L-appoġġ tal-familja tagħha huwa ċar. Mhux biss huma preżenti għal kull tellieqa li tikkompeti fiha iżda matul is-snin kienu jivvolontarjaw waqt tlielaq ospitati fil-Pixxina Nazzjonali mill-Aquatic Sports Association ta' Malta. Missierha mar pass ieħor u beda jitħarreġ fl-open water u saħansitra kkompeta f'żewġ tlielaq. Għal ġenituri tagħha, kienet ukoll esperjenza ta' sejba ta' bilanċ meta jkun il-waqt li jimbuttaw lil binthom biex tmur lil hinn u meta kien lok li ma jgħidu xejn.

"Il-ġenituri għandhom rwol kruċjali biex jiddeterminaw jekk sport huwiex esperjenza tajba jew ħażina. Jien xortija tajba li kelli l-ġenituri li għarfu dan mill-bidu tal-karriera sportiva tiegħi u sibt il-bilanċ tajjeb - jafu meta għandom jimbuttani ftit iktar u jafu meta kelli ġurnata ħażina u ma kien hemm xejn iżjed li stajt nagħmel ħlief nitgħallem minnha u nimxi il-quddiem"

### Ix-Xena Lokali

Sarah tinsab fil-quċċata. Fil-Kampjonati tal-Open Water li seħħew is-sajf li għadda, Sarah għelbet uħud mill-aqwa għawwiema maskili tal-open water ta' Malta. Dan iqajjem il-mistoqsija dwar x'inhuma l-ħsibijiet tagħha dwar il-kompetizzjoni tagħha f'Malta. Sarah malajr wieġbet li għaliha r-riżultat huwa dwar il-ħin irreġistrat u tfittex li ttejjeb dak. Hija titħarreġ regolarment ma' Andre Camilleri [rebbieħ tal-Kampjonati Open Water tal-Birkirkara St. Joseph Sports Club].

Għalkemm Sarah għamlet isem għaliha nfisha fix-xena tal-Open Water, hi regolarment tikkompeti fit-time trials organizzati mill-Aquatic Sports Association. Hija għandha r-Rekord tal-Grupp Nazzjonali tal-Età B fil-Butterfly fuq distanza ta' 200m. Normalment hi tikkompeti fid-distanzi freestyle ta' 200m, 400m, 800m u 1500m, kif ukoll butterfly fuq 100m u 200m.

### Ix-Xena Internazzjonali

Sarah kkompetiet f'diversi avvenimenti internazzjonali. Ta' soddisfazzjon kbir għaliha huma dawk li saru fl-2019, fejn ikkompetiet fid-distanza ta'200m fil-butterfly fiċ-CIJ Luxembourg Swimming Meet. Hemmhekk spiċċat fit-tielet



post. Hija spiċċat fit-tielet post fi Sqallija waqt il-Kampjonat Taljan, il-Grand Prix tal-Finali tal-Open Water fuq distanza ta' 2.5km. Fit-Tazza tal-Mediterran tal-Open Water f'Larnaca, Ċipru, Sarah ħadet sehem fid-distanza ta' 7,5km u spiċċat fl-10 post. Fil-Kampjonati Dinjija, il-15 ta 'Ġunju 2019 f'Balaton fl-Ungerija (Balatonfured), hija spiċċat it-38 minn 44 għawwiem, distanza ta' 10km f'ħin ta' sagħtejn u disa minuti. Dan kien l-ikbar avveniment u l-aqwa esperjenza tagħha fejn ikkompetiet ma' atleti Olimpiċi bħal Anna Kuna, Haley Andersen u Rachele Bruni.

Minkejja li xi nies setgħu kkummentaw fuq il-post li spiċċat fih, wieħed irid jifhem il-livell ta' kompetizzjoni u l-ħin attwali miksub. It-titjib enormi fil-ħin tagħha matul dawn l-aħħar sentejn minn meta ffukat fuq l-open water għenitha tieħu kunfidenza u ttejjeb il-ħinijiet.

### L-Effett Tal-Covid-19

Il-pandemija Covid-19 ġabet ħafna inċertezzi għal kulħadd u l-komunità tal-għawm ma kinitx immuni għall-effetti tagħha. Għawwiema ma setgħux jitħarrġu minħabba l-għeluq tal-pixxini, filwaqt li l-avvenimenti ġew ikkanċellati. Il-bidu tal-pandemija kien żmien stressanti ħafna. Inizjalment Sarah, flimkien ma' sħabha, għamlet sessjonijiet remoti ta' taħriġ onlajn fuq l-art mal-kowċ. Hekk kif setgħu jinżlu fil-baħar, ingħaqdet mal-ħabib tagħha Andre Camilleri fejn reġgħu bdew jitħarrġu.

"Bħalma għamlu oħrajn bħalna, bdejna naddattaw għal mod ta' ħajja ġdid. Imma jekk kien hemm xi ħaġa li l-pandemija għallmet lili u t-tim tiegħi, kien it-tisħiħ tal-imħabba tagħna għall-għawm u ix-xewqa li nerġgħu nikkompetu b'mod determinat"

### Il-Futur Għal Sarah

L-Olimpjadi huma l-ħolma aħħarija ta'kull atleta. Sarah modestament tispjega li bħalissa qeda taħdem mill-qrib mal-kowċ tagħha biex ittejjeb il-ħinijiet fil- kompetizzjonijiet miżmuma taħt l-awspiċji tal-FINA u LEN. Bil-Logħob tal-Pajjiżi Żgħar tal-Ewropa li ser isiru f'Malta fl-2023, Sarah tefgħet l-attenzjoni tagħha fuq kwalifika potenzjali.

"Li tikkompeti għal pajjiżek ġewwa pajjiżek hija l-ħolma ta' kull atleta. Li nirrappreżenta lil Malta fil-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar tal-Ewropa f'Malta 2023, żgur ikun wieħed mill-punti ewlenin tal-karriera tiegħi "

Nagħlqu din l-intervista b'mistoqsija sempliċi. Kieku ma bdejtx tgħum, x'kont tagħmel barra milli tistudja l-liġi? Sarah ma tistax timmaġina lilha nfisha mingħajr xi forma ta' taħriġ sportiv. Fl-iskola kienet tajba fl-atletika. Matul il-konversazzjoni hija ssemmi li kienet tħobb tkanta. Forsi min jaf fi żmien għaxar snin nistgħu narawha tpartat l-għawm tagħha għal mikrofonu.

Sadanittant, Sarah se tibqa tkompli taħdem sabiex tikseb il-ħolm tagħha u tagħmel lill-ġenituri u lil Malta kburin.

*Maria Vella Galea*

"Li tikkompeti għal pajjiżek ġewwa pajjiżek hija l-ħolma ta' kull atleta. Li nirrappreżenta lil Malta fil-Logħob tal-Pajjizi ż-Żgħar tal-Ewropa f'Malta 2023, żgur ikun wieħed mill-punti ewlenin tal-karriera tiegħi"








# ŻEWĠ GĦAWDXIN
## jirrappreżentaw lil Malta fil-Polonja




GOZO SPORTS

Atleti Għawdxin u Maltin dan l-aħħar għelbu kull sfida possibli u għamlu unur għal pajjiżna fil-Kampjonati Dinjija tan-Nofs Maratona f'Gdynia fil-Polonja bi prestazzjonijiet mill-aqwa. Din is-sena saru ġewwa Gdynia, il-Polonja. Oriġinarjament kellhom isiru f'Marzu 2020, iżda dawn ġew postposti għal Ottubru 2020 minħabba l-imxija tal-Covid 19. Fit-tellieqa tal-irġiel ħadu sehem l-Għawdxin Charlton Debono u Stefan Azzopardi, filwaqt li fil-kategorija femminili pparteċipaw f'isem Malta Lisa Bezzina u Joelle Cortis.




Bi preparazzjoni għal din il-maratona, l-atleti Maltin ħadu sehem f'kamp ta' taħriġ fuq l-Alpi ta' Font-Romeu fi Franza. Minħabba l-pandemija r-rotta li kellha ssir ġiet kkanċellata u minflok għamlu waħda ta 5.4km b'4 dawriet. Din ir-rotta kellha diversi sfidi b'ċerta elevazzjoni u kantunieri. Matul it-tiġrija Debono u Azzopardi ġrew għal 15-il km flimkien, sakemm Debono, li għandu esperjenza sostanzjali fil-kamp internazzjonali, b'din tkun it-tielet Kampjonat Dinji għalih, Nofs Maratona li ssir kull sentejn, huwa żied firritmu fl-aħħar fażi tat-tiġrija. Debono temm it-tellieqa f'ħin ta' 1:08.51, l-aqwa ħin għalih dan l-istaġun u t-tieni l-aqwa fil-karriera f'rotta uffiċjali. Azzopardi temm f'1:09.18, li kien l-aħjar ħin personali għalih. Bil-ħinijiet li għamlu huma rreġistraw l-aqwa ħinijiet ta' atleti Maltin f'dan ittip ta' kampjonat mondjali.

Charlton Debono stqarr magħna li jħossu xxurtjat ħafna li irnexxielu jikkompeti b'suċċess u anke akkwista riżultat tajjeb u dan minħabba li ħames ġimgħat qabel din it-tiġrija kellu korriment li minħabba fih kellu jieqaf mit-taħriġ għal tlett ġimgħat sħaħ. F'dak il-perjodu lanqas seta jiġri kilometru sħiħ minħabba l-uġieħ li kellu. Iżda ħmistax qabel it-tiġrija irnexxielu jiġri l-ewwel sezzjoni ta' ħmistax -il kilometru kompletament mingħajr uġieħ. Hawn għamel il-kuraġġ u tħarreġ bis-serjeta' u għal grazzja t'Alla rnexxielu jiġri tajjeb. Debono kuntent ħafna bil-prestazzjoni tiegħu. Fil-fatt mill-edizzjonijiet kollha ta' dawn il-kampjonati li fihom ikkompetiet Malta, dan ilħin tiegħu ta' 1:08:51, kien l-aqwa ħin li qatt ġie rreġistrat minn atleta Malti f'dawn il-kampjonati dinjija. "Inħossni kuntent ħafna bil-ħinijiet u l-progress li rajt minn edizzjoni għal oħra. Filfatt, f'Cardiff 2016 kont ġrejt f'ħin ta' 1:12:03, sentejn wara f'Valencia 2018 ġrejt f'ħin ta' 1:10:10 u din is-sena f'Gdynia ġrejt 1:08:51. Din is-sena, ma kontx l-unika atleta maskili minn Malta li kkompeta. Fil-fatt ħadt pjaċir ħafna li kwalifika wkoll il-ħabib tiegħi, Għawdxi ieħor, Stefan Azzopardi fejn fit-tiġrija, ġrejna flimkien għallewwel 15 -il kilometru w imbagħad fl-aħħar biċċa tat-tiġrija żied il-pass biex daħal 27 sekonda qabel Azzopardi. Stefan ġera tiġrija tajba ħafna. Naħseb l-aqwa prestazzjoni tiegħu. Kuntent ħafna għalih".

Min naħa tiegħu, Azzopardi qalilna li din kienet esperjenza sabiħa ħafna fejn ikkompetew mal-aqwa atleti tad-dinja, wieħed minnhom Joshua Cheptegei kellu r-rekord dinji tal-5k u 10k. Kien hemm ukoll atleti professjonali famużi oħra. Huwa radd ħajr lil Athletics Malta u l-Kumitat Olimpiku Malti tax-xogħol kbir li ħadu biex tawhom din l-opportunita' u esperjenza unika. Mingħajr dubju dan kien ta' unur kbir għal Għawdex sportiv tagħna fejn żewġ ċittadini tiegħu rrappreżentaw lil Malta f'kampjonat mondjali.

*Joe Bajada*



# DIEGO ARMANDO MARADONA

## 13-il storja li jiddeskrivu l-ħajja kulurita tiegħu fil-futbol



**Id-dinja nħasdet u l-Arġentina tbikkmet mal-aħbar tal-mewt ta' wieħed mill-aqwa players fid-dinja tas-seklu 20. Diego Armando Maradona li l-Arġentini kienu jsejħulu Nino d'Oro jew aħjar it-Tifel tad-Deheb.miet fl-eta ta' 60 sena. Twieled fit-30 ta' Ottubru fl-1960 u miet fit-23 ta' Novembru 2020.**

Maradona miet b'attakk tal-qalb wara li kien għadu kemm ħareġ mill-isptar fejn ingħata kura għall-ammont eċċessiv tal-alkoħol li kien ivvizjat jikkonsma. Imma bħala player kien eċċezzjonali u kien laħaq l-aqwa Tal-karriera tiegħu fl-1986 meta għen lill-Arġentina tirbaħ it-Tazza tad-Dinja u kien anki strumentali biex ma' Napoli jirbaħ żewġ scudetti u t-Tazza UEFA. Ħajtu kienet waħda kulurita u kien anki abbuża mid-droga.

Players kbar bħal Pele, Crisitiano Ronaldo u Messi kollha sellmu lil Maradona bi kliem ta' tifħir għat-talent li kien jippossjedi. Pele stiednu jistennih fis-sema biex jilagħbu l-futbol flimkien hemm ukoll waqt li l-eks player Franċiż u eks President tal-FIFA Michel Platini qal li Maradona kien kapaċi jagħmel b'laringa dak li kien jagħmel Zinedine Zidane b'ballun.

Mal-aħbar tal-mewt ta' Maradona, l-Arġentina u l-belt ta' Napli kienu f'luttu. Maradona tant kien idolu għan-Naplitani li l-klabb iddeċieda li jsemmi l-istadium li għal tant snin kien is-San Paolo issa ngħata l-isem ta' Diego Armando Maradona u dan biex jibqa' ħaj fil-qlub tan-Naplitani.

Il-popolarità u l-imħabba li gawda Maradona fl-Arġentina kienet jiżbqu lil dik li l-Arġentini kellhom għall-mara tal-eks President Peron, Eva. Iżda Maradona għall-klassi li kellu rebaħ ftit kemm dam jilgħab.

Ħajjet Maradona kienet mimlija episodji fit-tajjeb u fil-ħażin u riċentement irrakkonta tlettax-il storja jew episodji li taw kulur lill-karriera tiegħu kemm fil-ħajja pubblika kif ukoll fuq il-pitch meta kien isaħħar il-miljuni bit-talent ta' kif kien imiss il-ballun.

**It-tlettax-il storja huma dawn:**

1. Kien mistieden f'okkażjoni speċjali mill-FIFA biex jirċievi l-premju tal-aqwa Player tas-Seklu, L-għażla saret b'vot popolari mill-pubbliku u Maradona kien għalhekk għeleb lil Pele. Il-FIFA biex tonora wkoll lil Pele fl-istess okkażjoni vvintat unur ieħor. Maradona din il-ħaġa ma għoġbitux u bi protesta wara li rċieva l-premju telaq il-barra mis-serata
2. Maradona għamel sentejn jilgħab ma' Barcelona u jsemmi li fl-1983 fi tmiem il-final tal-Copa de Re kontra Athletic Bilbao li kienet logħba taħraq u akkanita ferm fi tmiem il-logħba spiċċa jagħti bis-sieq (karate kicks) lil diversi players avversarji li bdew jiġu quddiemu.
3. Newell Old Boys kien l-aħħar tim li lagħab miegħu Maradona. Meta bħala kowċ ta' Gimnasia it-tim mar biex jilgħab f'Estadio Marcelo Mielsa, hu ngħata l-privileġġ ipoġġi fuq is-siġġu tac-Chairman tul il-logħba.
4. Waqt logħba tat-Tazza rad-Dinja tal-1990 bejn l-Arġentina u l-Ġermanja, l-partitarji Ġermaniżi ibbuwjaw waqt id-daqq tal-innu Arġentin, hu mar quddiem il-cameras u għajjarhom u kellimhom ħażin kif jaf hu biex jiddefendi lil pajjiżu.



5. Maradona darba kien ikkwotat jgħid li l-ulied leġittimi tiegħu huma Dalma u Giannina, l-oħrajn huma prodott tal-flus u l-iżbalji.
6. Goal skurjat minn Martin Palermo fl-aħħar minuta kontra l-Peru u l-Arġentina li kellhom lil Maradona kowċ ikkwalifikaw għall-finali tat-Tazza tad-Dinja 2010, Maradona kien tkaxkar b'żaqqu mal-art ġo għadira tajn u ilma.
7. Fl-istess finali Maradona kien għamel waħda agħar meta saq il-karrozza tiegħu fuq sieq ġurnalista u kellmu ħażin ukoll.
8. Episodju ieħor kurjuż kien dak meta Maradona kien irrifjuta li jitkellem waqt konferenza tal-aħbarijiet qabel minn fuq il-mejda maġenbu ma jitwarrabx daqxejn ta' tfajjel li Maradona sejjaħlu ball-boy. Iżda dak it-tfajjel ma kien ħadd ħlief Thomas Muller il-player Ġermaniż ta' Bayern Munich fil-bidu tal-karriera tiegħu.
9. Maradona kien irreaġixxa bl-ikraħ meta kien kowċ tat-tim Al Wisal għaliex il-kowċ tat-tim avversarju kien iċċelebra b'mod pjuttost eċċessiv rebħa fuq it-tim ta' Maradona,
10. Il-FIFA kienet issospendiet lil Maradona għal xahrejn talli kien tkellem baxx biex jindirizza lil kull min ma kienx jogħġbu l-istil ta' logħob li kien qed jilgħab t-tim Arġentin taħt it-tmexxija tiegħu. Hu kien skuża ruħu man-nisa għall-kummenti dispreġjattivi u sesswali tiegħu.
11. Fis-sena 2000 fotografu li esaġera xi ftit jiġri wara Maradona biex jeħodlu ritratt. Dan dejjaq lil Maradona li spiċċa jkissirlu ħġieġa tal-karrozza b' daqqa ta' ponn. Dan kien fost ħafna inċidenti komuni li kien ikollu mal-media.
12. Sa minn meta kien żgħir Maradona kien jattira l-attenzjoni kontinwa tal-media li kienet ittellef ħafna mill-ħajja privata tiegħu. Darba ta' 15-il sena kien spara rifle lejn grupp ta' ġurnalisti barra mid-dar tiegħu f'Moreno. Fl-inċident kien fera ħafif xi ġurnalisti.
13. L-id ta' Alla tibqa' l-aktar storja li baqgħet tissemma tul ħajtu. Maradona skorja l-aqwa żewġ goals tiegħu mal-Arġentina kontra l-Ingilterra fit-Tazza tad-Dinja tal-1986. Hu kien skorja l-ewwel goal b'idu u t-tieni b'ġrija min-nofs il-grawnd fejn kien qabeż seba' players qabel skorja. Dwar il-gowl li skorja b'idu qal li għamel jekk għax ma kienx jilħaq il-ballun b'rasu biss meta ra lil Peter Shilton ħiereġ fuqu. Maradona qal li kien mess il-ballun bi ftit b'rasu u ftit bl-id ta'Alla. Maradona jgħid li dawn il-gowls kienu vendetta għall-Gwerra tal-Falklands.

## Statistika dwar MARADONA

### 694 logħba u 354 gowl

Diego Armando Maradona bejn l-1976 u l-1998 lagħab ma' diversi klabbs u t-timijiet nazzjonali; lagħab 604 logħba li fihom skorja 354 gowl.

Mill-1977 sa l-1994 lagħab 106 logħba mat-tim nazzjonali U-20 u mat-tim nazzjonali. Fihom skorja 42 gowl. Minn dawn mat-tim nazzjonali lagħab 91 u skorja 34. Kien iddebutta man-nazzjonali tal-kbar ta' 16-il sena.'

Maradona lagħab ma' sitt klabbs – Argentinos Juniors, Boca Juniors, Barcelona, Napoli, Sevilla u Newell's Old Boys – 588 logħba li fihom skorja 312-il gowl, bejn l-1976 u l-1998. Ma' Argentino Juniors iddebutta ta' 16-il sena ukoll.


FABIAN ENTERPRISES LTD
Marine & Electronics
Dolphin
pro 24.80
Marine Charger
SCOUT
wave
Digital Marine TV Antenna
16
www.fabian.com.mt
email: sales@fabian.com.mt
VTronix
Dolphin
charger
SCOUT
Professional Marine Antennas Made In Italy
STANDARD HORIZON


NUBIAN
MARINE PAINTS
EUROMECI
Yacht line
NUBIAN
50
PERMANENT
NUBIAN
52
CUP
NUBIAN
59
BORA
NUBIAN
11
PRIMERPLAST
NUBIAN
58
NUBIFLEX
FERROTONE
FERROTONE GEL
FORTE
NAVE ECO
CLEANERS, DETERGENTS AND DESCALERS
FOR ALL YOUR BOATING NEEDS
NUFFA NET
GOMMOSTRIP
GOMMOWAX
GUMMED
C.E.F (Trading) Co. Ltd
30, Spencer Hill, Marsa MRS 1957
2123 6732 / 21220340
2122 0340
www.ceftrading.com
info@ceftrading.com
Find us on
Facebook

# KARTA ĦAMRA
## GĦALL-VJOLENZA DOMESTIKA



**Kulħadd jaqbel li l-vjolenza domestika hija pjaga għas-soċjetà tagħna. Is-suġġett jerġa' jkun fuq fomm kulħadd kull meta sfortunatament il-vjolenza domestika twassal għal qtil jew inċidenti ta' natura gravi. U dan minkejja li ħafna drabi l-vittmi jsofru fis-skiet u ripetutament.**

Filwaqt li huwa tajjeb li wieħed jagħraf li din hi problema reali li tista' taffettwa lil kulħadd, wieħed tajjeb jagħraf ukoll ir-raġunijiet li għalihom persuna tgħaddi minn abbuż domestiku, inkluż raġunijiet relatati mal-isport.

Fis-sajf tal-2018, hekk kif id-dinja kienet medhija bit-Tazza tad-Dinja tal-futbol, grupp ta' akkademiċi mill-Università ta' Lancaster fl-Ingilterra ħarġu statistika li tgħid li l-għada li l-Ingilterra tilfet logħba, in-numru ta' każijiet ta' vjolenza domestika 'li kienu rrappurtati lill-pulizija' fil-belt ta' Lancaster biss, żdiedu bi 38%. L-istess ġara fi ġranet oħra meta l-Ingilterra ma rebħux iżda lanqas tilfu (26%) u l-għada li tkun intlagħbet logħba (11%). Filwaqt li dan l-istudju sar biss f'belt waħda, f'pajjiż wieħed, kienu bosta dawk li ngħaqdu biex jitkellmu dwar is-suġġett u jitfgħu dawl kif kull sitwazzjoni tista' tkun 'skuża' għal dan l-aġir barbaru.

Ovvjament wieħed irid jifhem ukoll li mhux neċessarjament riżultat ta' logħba waħdu jista' jwassal għal dan l-aġir. Bħalma bosta jafu, l-isport b'mod ġenerali marbut mhux ftit mal-logħob tal-flus, anke fuq l-idejn, mal-abbuż minn sustanzi illegali u xorb alkoħoliku żejjed. Dawn, flimkien ma' riżultati li forsi jafu ma jmorrux kif wieħed jixtieq, jafu joħolqu 'skuża' biex tiżdied il-vjolenza domestika.

L-Unjoni Ewropea tassigura li n-nisa huma protetti minn vjolenza domestika permezz ta' qafas legali f'kull Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, Direttiva maħruġa fl-2012, tassigura d-drittijiet minimi ta' vittmi ta' vjolenza domestika flimkien ma' sistemi li jipprovdu s-sapport kollu neċessarju, kemm dak emozzjonali kif ukoll dak fiżiku, permezz ta' aċċess għal residenza temporanja (shelters).

Madwar l-Unjoni Ewropea kollha jeżistu wkoll strumenti li jagħmlu tajjeb f'każijiet ta' ordni ta' trażżin favur vittmi ta' vjolenza domestika. Fil-fatt, dawn l-istrumenti jassiguraw, permezz ta' proċess li mhuwiex burokratiku, li vittmi jibqgħu jgawdu l-istess protezzjoni legali anke meta dawn jimxu minn Stat Membru għall-ieħor tal-Unjoni Ewropea.

Gvernijiet ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea u gruppi mhux governattivi għandhom ukoll il-faċilità li jibbenefikaw minn fondi tal-Unjoni Ewropea sabiex titqajjem kuxjenza madwar il-kontinent dwar dan is-suġġett. Il-proġett CEASE, kofinanzjat mill-Programm 'Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza' tal-Kummissjoni Ewropea, ġie stabbilit sabiex jinħolqu fora ta' kumpaniji fil-qlieda kontra l-vjolenza domestika. Huwa stmat li waħda minn kull tliet nisa, xi darba f'ħajjithom ser jesperjenzaw xi forma ta' vjolenza, kemm fiżika kif ukoll psikoloġika. Għaldaqstant dan il-proġett qiegħed jagħti l-opportunità lil min iħaddem biex ikun parteċipi fil-ġlieda kontra l-abbuż li hu stmat li jiswa lill-industrija €258 biljun fis-sena.

Inċidentalment, il-Kummissjoni Ewropea għall-ewwel darba ħatret Kummissarju għall-Ugwaljanza. Il- Maltija, Dr Helena Dalli ngħatat dan il-portafoll bħala responsabbiltà waħda. Fost ir-responsabbiltajiet tal-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza, insibu t-tisħiħ tal-oqsma relatati mar-rispons tal-Unjoni Ewropea quddiem il-vjolenza sessista, l-appoġġ u l-protezzjoni aħjar għall-vittmi, inklużi standards minimi biex jiġu ddefiniti ċerti tipi ta' vjolenza. Id-Direttiva msemmija qabel f'dan l-artiklu wkoll ser tkun qed terġa' tiġi eżaminata sabiex tiżgura iktar approċċ sħiħ f'oqsma ta' vjolenza domestika.

Ir-realtà hi li m'għandhomx ikunu traġedji li nisimgħu bihom fl-aħbarijiet li jwasslu għal qawmien ta' kuxjenza u azzjoni dwar is-suġġett. L-Unjoni Ewropea qed tagħmel l-almu tagħha biex tiżgura li dan isir f'kull Stat Membru, anke permezz ta' qafas legali iktar komprensiv f'dan ir-rigward.

## "Bil-Qari u l-Kitba Niskorja"

# IL-PROGRAMMI TAL-LITTERIŻMU U L-FUTBOL MA JAQTGĦU XEJN ANKE WAQT IL-PANDEMIJA












**F'dawn l-aħħar disa' xhur, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu kellha taddatta malajr għaċ-ċirkustanżi straordinarji li bħalissa għaddejja minnhom id-dinja. Minħabba l-pandemija, ħafna programmi tal-Aġenzija kellhom jinbidu biex illum il-ġurnata qegħdin jitwasslu permezz ta' pjattaformi virtwali u l-midja soċjali.**

Il-programm 'Bil-Qari u l-Kitba Niskorja' ġie sospiż temporanjament. Minfloku, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, biex tħeġġeġ lil tfal li ma jħobbux jaqraw u jiktbu jedhew fil-qari, qiegħda toffri l-programm 'Tir Stupend/ Golden Goal'. Dan il-programm huwa maħsub għall-klassijiet tar-raba' u l-ħames sena tal-primarja. Is-sessjonijiet jingħataw mill-Promoturi tal-Litteriżmu u l-Isport tal-Aġenzija permezz tal-Microsoft Teams u l-istudenti tal-klassijiet li jieħdu sehem fihom iħaddmu l-ħiliet tal-qari, il-kitba, is-smigħ u t-taħdit imnebbħa minn xi attività sportiva jew il-futbol. L-għalliema tista' tagħżel jekk is-sessjoni ssirx bil-Malti jew inkella bl-Ingliż.

Biex inħajru lill-qarrejja u l-kittieba żgħar tagħna jkunu iktar attivi fiżikament u mentalment, il-Promoturi tal-Qari permezz tal-Isport tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, matul din is-sena skolastika (2020-21), wara l-ħin tal-iskola, qegħdin jagħmlu sfidi kalċistiċi ma' dawk it-tfal li jazzardaw jidħlu għalihom. Kull min jipparteċipa jingħata ktieb, ċertifikat iffirmat minn ex plejers tat-tim nazzjonali Malti u tifkira tal-okkażjoni filwaqt li dawk it-tfal li jirnexxilhom jegħlbu l-isfida jingħataw żewġ kotba u ballun iffirmat mill-istess ex plejers. Din l-inizjattiva qiegħda ssir skont il-linji gwida ta' saħħa u sigurtà mogħtija mis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika.

Minbarra ż-żewġ programmi msemmija hawn fuq, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu baqgħet għaddejja bl-attivitajiet ta' 'L-Ambaxxaturi tal-Qari/ Reading Ambassadors'. L-Ambaxxaturi, li huma personalitajiet lokali magħrufa, iħeġġu l-imħabba lejn il-qari permezz ta' attivitajiet ta' qari għall-gost fl-iskejjel. Matul din is-sena skolastika l-Aġenzija, minħabba s-stiwazzjoni preżenti, l-Aġenzija qiegħda tagħmel l-attivitajiet tal-Ambaxxaturi tal-Qari b'mod virtwali.

Fl-attività jkun hemm qari online, bil-Malti jew bl-Ingliż, mill-Ambaxxatur tal-Qari u diskussjoni mal-istudenti fuq il-ktieb li jkun inqara. Wara l-istudenti jistaqsu mistoqsijiet lill-Ambaxxaturi fuq il-passatempi, il-gosti u l-esperjenzi tal-ħajja tagħhom.

Min ikun jixtieq iktar tagħrif fuq dawn il-programmi tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu jista' jżur il-paġna ta' Facebook tal-programmi msemmija jew iċempel 2598 3324 jew 2598 2992.







*Maria Cremona*

> **"Minħabba l-pandemija, ħafna programmi tal-Aġenzija kellhom jinbidu biex illum il-ġurnata qegħdin jitwasslu permezz ta' pjattaformi virtwali u l-midja soċjali."**



# STORJA FOOTBALL MALTI



## SLIEMA W.
## CHAMPIONS 1965/66

### AĦBARIJIET

Fl-4 ta' Frar 1966 il-President tal-MFA Eugenio Bonello u s-Segretarju Eddie Baldacchino marru bl-ajru lejn Ruma sabiex jattendu għal Konferenza tal-UEFA.

Fis-6 ta' Frar 1966 tħabbret il-mewt ta' Johnnie Mattocks fl-eta' ta' 75 sena. Mattocks, magħruf bħala 'Ta' L-Egmont', kien wieħed mill-aħjar players ta' Valletta fis-snin għoxrin. Huwa kien anke jilgħab fil-pożizzjoni ta' inside left mat-team tal-H.M.S Egmont. Aktar tard ħuh Victor Mattocks ukoll kien lagħab b'suċċess fit-team ta' Sliema Wanderers.

Fid-19 ta Frar 1966, Peter Fitzgerald li sal-istaġun ta' qabel kien player ta' Sliema Wanderers u issa kien qed jgħix l-Ingilterra żżewweġ lil Rita Vella minn Raħal il-Ġdid.

Il-Kunsill tal-MFA tat-3 ta' Marzu 1966 ħa passi kontra żewġ referees meta ssospenda lir-referee Lanzon għal xahar għax kiser ir-regolamenti tal-MFA u ħareġ twissija lir-referee Cachia li tkellem li kien ser jikkontrolla partita tal-MFA.

Fil-10 ta' Marzu 1966 ir-referee Pawlu Bonett u Turu Lentini ħallew Malta fis-5.45 pm fi triqithom lejn Tripli fejn hemmhekk ikkontrollaw logħbiet tal-International Soccer Tournament. Huma kellhom jiġu Malta fl-20 ta' Marzu u jingħataw il-FIFA Badge. Il-badge kienet tingħata biss wara li referee jkun ikkontrolla mill-inqas żewġ partiti internazzjonali.

Fiż-żewġ partiti tat-Tieni Diviżjoni li ntlagħbu l-Ħadd fil-għodu 10 t'April 1966, kien hemm 16-il spettatur li ħallsu biex jaraw Marsa – Melita (2-0) u Gżira United – Lija Atheltic (3-1).

Fil-Kunsill tal-MFA tal-14 t'April 1966 tħabbar li l-MFA ma kellix bżonn iktar is-servizzi tar-referee E. Zammit wara li dan żvela l-appointment tiegħu għal partita Sliema kontra Hibernians tal-Minor League fin-Nicholl Ground. L-Ghaqda tar-Referees filwaqt li rrikonoxxiet l-iżball tar-referee kienet tal-opinjoni li d-deċiżjoni kienet ħarxa u sporporzjonata u ressqet protest quddiem l-MFA f'dan ir-rigward.

F' Mejju Floriana FC inawguraw il-Każin ġdid tagħhom meta marru fil-fond 25 Market Street. Dan kien ir-raba każin fl-istorja tal-club wara l-ewwel wieħed f'Balzunetta, ieħor f'Gunlayer Street, t-tielet każin f'St Francis Street fejn kellhom żgħir u fl-1913 irranġaw mall-Każin tal-Banda biex marru fl-istess każin tagħhom fejn ġabru t-Tazzi kollha li kienu qegħdin għand il-membri tal-Kumitat peress li f'St Francis Street kellhom żgħir.

### KLASSIFIKA FINALI

| | L | R | D | T | F | K | Pti. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Sliema W. FC** | 10 | 8 | 2 | 0 | 24 | 7 | 18 |
| **Floriana FC** | 10 | 5 | 1 | 4 | 16 | 11 | 11 |
| **Hibernians FC** | 10 | 2 | 6 | 2 | 10 | 8 | 10 |
| **Valletta FC** | 10 | 2 | 4 | 4 | 11 | 13 | 8 |
| **Hamrun Sp. FC** | 10 | 2 | 4 | 4 | 6 | 14 | 8 |
| **Birkirkara FC** | 10 | 0 | 5 | 5 | 8 | 22 | 5 |

1. Sliema Wdrs. FC Champions tal-Kampjonat Malti1965-66.
2. Birkirkara FC relegati ghat-Tieni Diviżjoni.
3. Sliema Wdrs. FC ngħataw il-punti tal-aħħar logħba tal-kampjonat kontra Valletta li ġiet abbandunata fit-63 minuta meta l-iskor kien 1-1.

### L-AQWA SKORERS:

**75 GOAL**

**6 Goals:** John Bonett u Ronnie Cocks (Sliema Wdrs. FC).
**4 Goals:** L. Borg u N. Chircop (Floriana FC) u L. Micallef (Sliema Wdrs. FC)
**3 Goals:** T. Cauchi (Floriana FC) u C. Zammit (Valletta FC).
**2 Goals:** F. Bonnici, F. Borg u C. Borg (Birkirkara FC); H. Caruana (Floriana FC); G. Zammit (Ħamrun Sp. FC); F. Delia, V. Brincat u N. Buckle (Hibernians); J. Cini, V. Vassallo u R. Buttigieg (Sliema Wdrs. FC) u V. Gauci, T. Calleja u C. Williams (Valletta FC).
**1 Goal:** N. Saliba u G. Pace (Birkirkara FC); S. Borg u A. Debono (Floriana FC); J. Zarb, C. Grech, G. Tonna u N. Attard (Ħamrun Sp. FC); L. Young, J. Mizzi u E. Theobald (Hibernians FC); E. Darmanin u E. Aquilina (Sliema Wdrs. FC) u F. Zammit (Valletta FC).

**Tliet Auto Goals**

18-12-1965: Lolly Muscat (Ħamrun Spartans FC) favur Hibernians FC (0-4).

19-12-1965: Joe 'Il-Lolu' Zarb (Birkirkara FC) favur Valletta FC (2-5).
15-01-1966: Alfred Vella (Sliema Wdrs. FC) favur Floriana FC (4-2).

## STAĠUN 1966-67 AĦBARIJIET

Il-logħob tal-Ewwel Diviżjoni rritorna għall-Gżira Stadium wara li fil-Laqgħa Ġenerali Straordinarja tal-MFA tal-10 t'Awwissu 1966 kien ġie deċiż li l-MFA tinħall mid-deċiżjoni li kienet ħadet is-sena ta' qabel li ma tinnegozjax qatt iktar mal-Management tal-Istadium. F'din l-istess Laqgħa kien twaqqaf kumitat apposta ffurmat mis-Sinjuri Eugenio Bonello bħala Chairman, Robbie Borg Olivier bħala Viċi Chairman, it-Teżorier ġdid tal-MFA Joe Cauchi u s-Segretarju Edward Baldacchino biex jilħqu ftehim mal-Baruni Salvinu Testaferrata dei Moroni Viani li rrappreżenta lill-kumpanija Stadium (1962) Co. Limited. Il-kuntratt ġie iffirmat uffiċjalment it-Tnejn 29 t'Awwissu 1966. Fost il-kundizzjonijiet ġodda li ntlaħaq ftehim fuqhom kien hemm li l-ispejjeż tal-Pulizija riedu jinqasmu, il-clubs tal-MFA kienu ser jieħdu £500 minflok £400 anke minħbba li n-numru tal-clubs tal-Ewwel Diviżjoni niżel għal sitt teamijiet u li kienu ser jonqsu n-numru ta' Complimentary Tickets. Barra minn hekk, jekk l-attendenza matul l-istaġun taqbeż il-50,000 l-Baruni Testaferrata kien iħallas £400 lill-MFA, ċifra li ntlaħqet bl-eżatt meta matul l-istaġun 1966-67 total ta' 50,533 spettatur raw il-logħob tal-Ewwel Diviżjoni l-istaġun. Sadanittant, in-National Sports Board, li kien għen lill-MFA biex issib ground fl-istaġun ta' qabel, esprima d-dispjaċir tiegħu li l-MFA ma nfurmatux li kienet qed tinnegozja ftehimmal-Istadium Management.

Fil-Laqgħa Ġenerali tal-MFA tal-Ġimgħa 5 t'Awwissu 1966, is-Sur Eugenio Bonello kien ġie kkonfermat fil-kariga ta' President tal-MFA għall-ħames sena konsekuttiva. Eugenio Bonello kien ikkontestat mill-Maġġur Alfred Stagno Navarra fejn Bonello ġie elett bi 13-il vot kontra t-12-il vot tal-Maġġur Stagno Navarra. Bonello kien ikkonfermat fil-kariga b' vot wieħed biss minħabba l-istaġun diżastruż li l-MFA kellha f'Manoel Island għax fis-snin ta' qabel qatt ma sab problema biex jiġi elett. Il-Maġġur kien ħabbar l-interess tiegħu li jikkontesta għall-kariga ta' President tal-MFA fid-29 ta' Lulju, sebat ijiem biss qabel il-Laqgħa Ġenerali.

Fit-12 t' Awwissu 1966 iltaqgħu f' Malta l-aħwa Victor u Louis Portelli wara li kienu ftehmu biex jiġu għal btala f'Malta fl-istess żmien. Victor kien lagħab ma' Ħamrun, Valletta u Hibernians qabel emigra lejn il-Kanada fl-1954 filwaqt li Louis kien lagħab il-waterpolo u anke l-football ma' Valletta, Floriana u Ħamrun qabel emigra lejn l-Amerika fl-1950. Huma kellhom żewġ ħuthom oħra sportivi li kienu baqgħu Malta – John Portelli li kien jilgħab goalkeeper ma' Ħamrun u Floriana u Bertie Portelli li lagħab il-waterpolo ma' Neptunes għal 25 sena shaħ bejn l-1947 u l-1972.

Players oħra li kienu ġew għal btala f'Malta fis-sajf tal-1966 kienu t-tabib James Paul Griffiths li kien jilgħab ma' Melita qabel il-gwerra li ġie għal btala miż-Żambja fl-4 t'Awwissu, Joe Cachia l-ex-captain ta' St George's tas-snin erbgħin li wasal Malta fit-13 t' Awwissu wara 14-il sena fl-Istati Uniti fejn kien jilgħab ma' Malta United u Sons of Malta u jaħdem ma' Walt Disney, l-ex-coach ta' Valletta FC Harry Tedder li wasal Malta fid-29 t' Awwissu 1966 u Alex Borg Cardona 'Sunny' ex-difensur ta' Sliema Wanderers tas-snin erbgħin u ħamsin li ġie Malta bil-familja fl-10 ta' Settembru.

Deċiżjoni oħra mportanti li ttieħdet fil-Laqgħa tal-Kunsill tal-25 t'Awwissu kienet li mill-istaġun 1967-68 il-kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni jkun iffurmat għal darb'oħra minn tmien clubs kif kien sal-istaġun 1963-64. Għaldaqstant f'dan l-istaġun kien ser ikun hemm żewġ promozzjonijiet mit-Tieni għall-Ewwel Diviżjoni u l-ebda relegazzjoni mill-Ewwel għat-Tieni Diviżjoni. Ġie deċiż ukoll li fil-kompetizzjoni tal-FA Trophy jieħdu sehem il-clubs kollha tal-Ewwel u t-Tieni Diviżjoni.

Il-poloz tal-kampjonat telgħu fil-Kwartieri Ġenerali tal-MFA it-Tlieta 30 t'Awwissu 1966 fis-6.00 p.m.

**Tonio Farrugia**



# CAMENZULI u AQUILINA

## JIRBĦU L-UNURI SPORTIVI TA' L-ISTITUT TAL-ĠURNALISTI MALTIN



Nhar l-14 ta' Novembru L-Istitut tal-Ġurnalisti Maltin organizza s-serata li tonora x-xogħol ġurnalistiku lokali li fost id-diversi kategoriji jinkludu wkoll tnejn fil-qasam ta' l-isport.

Din it-30 edizzjoni kienet trasmessa b'mod dirett għall-ewwel darba fuq TVM2 u mxiet mal-protokolli kollha maħruġa mill-Awtorita tas-Saħħa fis-sitwazzjoni preżenti iddominata mill-pandemija tal-Covid19.

Charles Camenzuli rebaħ l-unur għall-aqwa ġurnaliżmu sportiv tas-sena għas-servizz televiżiv fuq Net TV li kien jirrigwarda il-parteċipazzjoni Maltija fl-Olimpjadi ta' l-1928 - 1936 u l-1948. Din kienet it-tmien darba li Camenzuli rebaħ dan l-unur.

L-unur għall-aqwa fotografija sportiva tas-sena għar-raba' darba konsekuttiva intrebaħ minn Domenic Aquilina mill-European PressPhoto Agency bis-sottomissjoni tiegħu. Filfatt Aquilina issa rebaħ dan l-unur ħames darbiet.

*Lorraine Cunningham*



# TISLIBA

**MIMDUDIN**

1) Minn mall-Viola għal ma' La Vecchia Signora (8,6)
8) PSV tal-Olanda (9)
9) Araújo Dall'Igna, ex attakkant ta' Sao Paolo, West Ham u Bastia (4)
10) Dussenne, centre-back attwali ta' Standard Liège (3)
11) Pepe, 396 partita fil-lasti ta' Liverpool u Napoli (5)
12) Lang, winger ta' Club Bruges (3)
13) Zbigniew, difensur tal-Polonja fil-Fifa WC 1974 (3)
14) Moevici, difensur tal-Moldovia 1998-2001 (6)
15) u 16) Midfielder stabbilit ta' Atlético Madrid u Spanja (4)
16) Ara 15 Mimdudin
17) Ir-referee li keċċa lil Wilkinson fil-Fifa WC 1986 (3)
19) Roksmey, difensur attwali tal-Cambodia (3)
23) Luke, left-back ta' Man Utd u l-Ingilterra (4)
25) Aleksandar, left-back ta' Inter u Serbia (7)
27) Garcia, left-winger ta' Trinidad & Tobago (4)
29) Stadium tal-Fifa WC 2010 ad unur dan l-ikona ta' pajjiżu (6,7)
33) u 37) Felipe, ex midfielder 'imqareb' ta' Juventus u Inter (4)
35) Coach ta' suċċessi ma' Parma, Milan u l-Italja (6,6)
37) Ara 35 Mimdudin

**WEQFIN**

1) Erik, referee Żvediż fil-Fifa WC 1982-1986-1990 (11)
2) Cristian, difensur tar-Rumanija 2000-2004 (6)
3) Otto, aktar minn elf partita bħala coach u player fil-Bundesliga (8)
4) Ex club Ingliż ta' Michael Mifsud (8)
5) Fabio, captain u rebbieħ tat-Tazza tad-Dinja 2006 (9)
6) Andres, 442 partita ma' Barca u 131 ma' Spanja (7)
7) Bill, coach ta' Liverpool 1959-1974 (7)
18) Helmut, 118 partita ma' Bologna u 106 ma' Juventus (6)
20) Tosca, difensur attwali tar-Rumanija (4)
21) Cristian, difensur ta' San Marino b'34 partita (6)
22) Rio ..., club tal-Primeira Liga fi Spanja (3)
24) Brown, ex difensur ta' Man Utd u l-Ingilterra (3)
25) Koninklijke Atletiek Associatie ta' Gent (1,1,1)
26) Robin, midfielder attwali tal-Finlandja (3)
28) FC ..... Tver, club Russu imwaqqaf fl-1957 (5)
30) Belözoğlu, ex-midfielder Tork ta' Inter u Newcastle (4)
31) Esala, ex winger ta' Fiji b'52 Partita u 32 goal (4)
32) Club rebbieħ ħames darbiet ta' Ligue 1 ta' Franza (4)
34) Tore André, 76 partita u 23 goal man-Norveġja (3)
36) Chao, midfielder attwali taċ-Ċina (2)

**Soluzzjoni - Ħarġa nru 155**

| | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | A | R | C | U | S | R | A | S | H | F | O | R | D |
| O | | U | | B | | E | | A | | A | | I | |
| H | I | G | U | A | I | N | | N | E | D | V | E | D |
| A | | A | | V | | E | D | E | | R | | G | |
| M | A | N | G | I | A | | E | | C | H | A | L | A |
| E | | I | | C | S | A | P | O | | O | | E | |
| D | E | | S | | A | L | A | | O | N | O | R | E |
| S | | S | T | A | M | | U | L | I | C | H | | D |
| A | N | | A | | O | | L | | T | | R | A | E |
| L | | | B | | A | S | | B | A | K | | | R |
| A | L | H | I | N | H | O | | R | | I | M | O | |
| H | E | | L | | | S | P | A | R | T | A | | F |
| | N | E | E | R | I | S | | G | | | R | | E |
| S | O | N | | I | | A | N | A | S | T | A | S | I |

Isem u kunjom

Indirizz

E-mail

Rebbieħa Ħarġa nru 155: **Etienne Gatt, Luqa**

FITNESS STUDIO

Kull xahar qed tintrebaħ membership ta' xahar għand **FITNESS STUDIO**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Jannar 2021:

**Sportiv Magazine
Kompetizzjoni Tisliba,
Union Print Co. Ltd.
Workers' Memorial Building,
3rd Floor, South Street, Valletta**




Paolo Bonnici Ltd Marsa Tel: +356 21239363 www.paolobonnici.com


U*BET
VIRTUAL SPORTS
ANYTIME
LIVE THE GAME ANYTIME
VIRTUAL SPORTS
BET ON MAJOR VIRTUAL FOOTBALL LEAGUES & COMPETITIONS AND BENEFIT FROM FAVOURABLE ODDS AND HIGH WINNING OPPORTUNITIES EVERY 5 MINUTES - ALL DAY, EVERYDAY.
Maltco LOTTERIES
Authorised by the mga MALTA GAMING AUTHORITY operating under licence no. LGA/NL/02
PLAY RESPONSIBLY 18+ www.rgf.org.mt